# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 65.11

## REGOLAMENTI DWAR IL-VETTURI BIL-MUTUR

27 ta’ Settembru, 1994

*L-AVVIŻ LEGALI 128 ta’ l-1994, kif emendat bl-Avviżi Legali 92, 98, 109 u 149 ta’ l-1995, 1 u 234 ta’ l-1997, 125 u 268 ta’ l-1998, 68, 85 u 174 ta’ l-1999 u 206 of 2000, 91 ta’ l-2001, 58, 191, 236, 322 u 335 ta’ l-2002, 93, 146, 162 u 407 ta’ l-2003, 104, 156, 386, 400 u 476 ta’ l-2004, 44 ta’ l-2006, 3, 408 u 414 ta’ l-2007, u 158 ta’ l-2009.*

TAQSIMA I

**Preliminari**

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Titolu.

**2.** F’dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jurix xort’oħra - Tifsir. *Emendat: A.L. 85 ta’ l-1999; A.L. 93 ta’ l-2003; A.L. 156 ta’ l-2004; A.L. 3 ta’ l-2007; A.L. 414 ta’ l-2007; A.L. 158 ta’ l-2009.*

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta mwaqqfa bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta, u l-kelma "Awtorità" għandu jkollha, sakemm il-kuntest ma jurix xort’oħra, l-istess tifsira; Kap. 332.

"bankina sporġuta ’l barra" tfisser dik il-parti tal-bankina li tkun toħroġ ’il barra fuq naħa jew oħra jew iż-żewġ naħat tat-triq bħala estensjoni tal-bankina;

"id-Direttiva 2003/97/KE" tfisser id-Direttiva 2003/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Novembru 2003 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu ma’ l-approvazzjoni tat-tip ta’ tagħmir ta’ viżjoni diretta u ta’ vetturi mgħammra b’dan it-tagħmir, li temenda d-Direttiva 70/156/KEE u tħassar id-Direttiva 71/127/KEE;

"frat" tgħodd ukoll għan-ngħaġ u għall-mogħoż;

"inġenji ta’ l-invalidi" tfisser kull vettura bil-mutur li tkun iddisinjata u mibnija apposta, jew addattata tajjeb, għall-użu ta’ persuna li tkun tbati minn xi difett jew mankament fiżiku u li tintuża biss minn dik il-persuna;

"karreġġata" tfisser dik il-parti ta’ triq li fuqha t-traffiku jipproċedi f’direzzjoni waħda;

"karrozza bil-mutur għall-mejtin" tfisser kull vettura bil-mutur użata biex jinġarru l-kadavri;

"karrozza għall-kiri" tfisser vettura bil-mutur li tkun mibnija biex tieħu mhux aktar minn seba’ passiġġieri, minbarra d-*driver*, u li tkun liċenzjata u/jew reġistrata biex tinkera minn *garage* ta’ servizz pubbliku u misjuqa minn sid dak il-*garage* jew minn xi ħadd imqabbad minnu;

"*lane* għal vetturi ta’ preċedenza" tfisser parti mill-karreġġata li tkun riservata għall-użu minn vetturi li għandhom preċedenza minħabba fin-natura tax-xogħol tagħhom;

"*motor cycle*" tfisser kull vettura bil-mutur b'mhux iżjed minn żewġ roti disinjata għall-użu ta' min isuqha u mhux maħsuba għall-ġarr ta' merkanzija:

Iżda vettura bil-mutur bi tliet roti, li l-piż tagħha ma jkunx jaqbeż 500 kg., u *motor cycle* mgħammar b'mhux iżjed minn żewġ roti u b'*side-car* miegħu b'rota waħda biss, għandhom jiġu klassifikati bħala *motor cycle*;

"*motor cycle* għall-kiri" tfisser *motor cycle* li jkun liċenzjat u/jew reġistrat biex jinkera minn *garage* ta' servizz pubbliku għall-iskop li jiġi misjuq mill-kerrej;

"*motor route bus*" tfisser kull vettura bil-mutur li tkun liċenzjata u/jew reġistrata biex iġġorr aktar minn tmintax-il passiġġier, minbarra d-*driver*, u li tkun reġistrata biex tagħmel xogħol f'iskeda ma l-uffiċċju ċentrali għal servizzi *scheduled*;

"*motor tractor*" tfisser kull vettura bil-mutur li mhix mibnija hija stess biex iġġorr xi tagħbija, iżda li hi maħsuba għall-irmonk, jew għall-biedja biss:

Iżda fil-każ ta' vettura bil-mutur mgħammra bi krejn, *dynamo*, impjant tal-*welding* jew għodod jew apparati oħra speċjali li jkun tagħmir permanenti jew meħtieġ il-ħin kollu, l-għodod jew l-apparati jitqiesu li jagħmlu sehem mill-vettura;

"*private car*" tfisser vettura privata li ma tkunx liċenzjata jew reġistrata biex taħdem għall-kiri;

"*quad bike*" tfisser vettura b'erba' roti li jkollha manubriju u li l-veloċità tas-sewqan tagħha teċċedi l-45 kilometru fis-siegħa;

"radju *two-way*" tfisser apparat mingħajr fili maħsub u adattat bil-għan li jittrasmetti u jirċievi messaġġi bil-fomm;

"*scheduled*", dwar *motor route bus*, tfisser servizz fuq linja tas-servizz pubbliku u l-kelma "*unscheduled*" tfisser servizz ta' kiri privat;

"sid" tfisser il-persuna li f'isimha tkun liċenzjata u/jew reġistrata vettura bil-mutur;

"*stop light*" tfisser sinjal imwaħħal mal-vettura bil-mutur biex jindika li d-*driver* ser iwaqqaf jew ser inaqqas mill-veloċità;

"*tag*" tfisser mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni maħruġ mill-Awtorità li tikkonċedi lid-detentur ta' dik it-*tag* id-dritt li jsuq vettura tat-trasport tal-passiġġieri għall-kiri jew bi ħlas;

"*taxicar*" tfisser vettura bil-mutur imgħammra b'*taximeter* u liċenzjata u/jew reġistrata biex taħdem għall-kiri bħala *taxicar*;

"telefon ċellulari" tfisser apparat li jinġarr u li jintuża direttament minn persuna għal skop ta' komunikazzjoni;

"*trailer*" tfisser kull vettura bir-roti mingħajr qawwa mekkanika, disinjata biex tinġibed minn vettura bil-mutur biex iġorr persuni jew merkanzija;

"trasport pubbliku" tfisser il-ġarr b'vettura ta' passiġġieri f'Malta bi ħlas u tinkludi l-kiri ta' vettura *self-drive*;

"triq" tfisser kull triq, sqaq, pjazza, jew post ieħor pubbliku li minnu jgħaddi t-traffiku;

"vettura tal-merkanzija" tfisser kull vettura bil-mutur li tkun liċenzjata u/jew reġistrata biss għall-ġarr ta' merkanzija u li ma tistax iġorr ebda persuna, ħlief lid-*driver* u lill-persuna jew persuni inkarigati mill-merkanzija;

"vettura" tfisser vettura bil-mutur li taħdem b'qawwa mekkanika;

"vettura bil-mutur għall-kiri" tfisser vettura bil-mutur M1 reġistrata biex tinkera minn garaxx tas-servizz pubbliku, u misjuqa minn sid il-garaxx jew minn persuna oħra impjegata miegħu;

"vettura bil-mutur *self-drive*" tfisser vettura bil-mutur li tkun liċenzjata u/jew reġistrata biex tinkera minn *garage* ta' servizz pubbliku għall-iskop li tiġi misjuqa minn min jikriha. Iżda tista' tiġi misjuqa minn sid-il *garage*, jew minn xi persuna fl-impieg regolari tiegħu li jkollha liċenza speċjali tas-sewqan, biex jittieħdu passiġġieri b'kiri, b'dan illi kull passiġġier li jikriha jagħti l-kunsens tiegħu għall-użu ta' dik il-vettura bil-mutur *self-drive* minflok vettura bil-mutur għall-kiri;

"vettura għall-ġarr ta' merkanzija tqila" tfisser vettura tal-merkanzija bil-mutur bi *trailer* magħha, jew vettura tal-merkanzija kbira, jiġifieri vettura bil-mutur (li ma tkunx vettura tal-merkanzija bil-mutur bi *trailer* magħha) li tkun inbniet u ġiet adattata biex iġġorr jew tgħabbi merkanzija u li l-piż massimu permissibbli tagħha jkun jeċċedi s-7.5 tunnellati;

"vettura tat-trasport pubbliku" tfisser kull vettura użata jew maħsuba li tintuża għat-trasport pubbliku;

"vetturi M1" tfisser vetturi użati għall-ġarr ta' passiġġieri u li għandhom mhux iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier;

"vetturi M2" tfisser vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri, li għandhom iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandhom piż massimu ta' mhux iżjed minn 5 tunnellati;

"vetturi M3" tfisser vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri, li għandhom iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandhom piż massimu ta' iżjed minn 5 tunnellati;

"vetturi N1" tfisser vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandhom piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati;

"vetturi N2" tfisser vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandhom piż massimu ta' iżjed minn 3.5 tunnellati iżda mhux iżjed minn 12-il tunnellata;

"vetturi N3" tfisser vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandhom piż massimu ta' iżjed minn 12-il tunnellata;

"żiemel" tgħodd ukoll għall-bagħal u għall-bhejjem oħra tat-tagħbija.

TAQSIMA II

## Dħul temporanju ta' vetturi bil-mutur f'Malta u vjaġġar internazzjonali

Kondizzjonijiet għal importazzjoni temporanja.

**3.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Htiġiet għal vjaġġar internazzjonali.

**4.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Permess internazzjonali għas-sewqan.

**5.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Htiġiet fl-applikazzjoni.

**6.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Htiġiet fil-pjanċa.

**7.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Eżami tal-vettura.

**8.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Eżami ta' l-applikant.

**9.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Eżenzjoni minn test ieħor.

**10.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Sewqan minn persuni mhux residenti.

**11.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Eċċezzjoni dwar użu temporanju ta' vettura. *Emendat: A.L. 191 ta' l-2002.*

**12.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Persuni stazzjonati f'Malta. *Emendat: A.L. 191 ta' l-2002.*

**13.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Eċċezzjoni dwar vetturi tat-trasport pubbliku. *Emendat: A.L. 191 ta' l-2002.*

**14.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Produzzjoni ta' ċertifikati.

**15.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Persuni skwalifikati mis-sewqan.

**16.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

TAQSIMA III

## Liċenzi u reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur

Reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur. *Emendat: A.L. 93 ta' l-2003.*

**17.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Liċenzjar ta' vetturi bil-mutur. *Emendat: A.L. 93 ta' l-2003.*

**18.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

**19.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Tiġdid jew trasferiment ta' liċenza. *Emendat: A.L. 93 ta' l-2003.*

**20.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Drittijiet tal-liċenza. *Emendat: A.L. 93 ta' l-2003.* Kap. 128. Kap. 332.

**21.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Liċenza partikolari għal kull vettura.

**22.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Liċenza u ċertifikat duplikati.

**23.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Sospensjoni u kanċellament tal-liċenzi. *Emendat: A.L. 191 ta' l-2002.*

**24.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Wiri ta' liċenzi.

**25.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Wiri ta' ċertifikat ta' vettura bil-mutur. Emendat: *A.L. 104 ta' l-2004.*

**26.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Twillija ta' vetturi bil-mutur u ta' liċenzi. *Emendat: A.L. 1 ta' l-1997.*

**27.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Liċenza ta' vettura mħassra.

**28.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Fejn titqiegħed il-liċenza fil-vetturi.

**29.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Kliem-il liċenza għandu jinqara bil-ħeffa.

**30.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Il-vettura għandha tintuża skond kif liċenzjata.

**31.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Numri ta' l-identità.

**32.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Numri ta' l-identità partikolari.

**33.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Pjanċi li juru n-numri ta' l-identità.

**34.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Il-pjanċi għandhom ikunu jidhru sew fuq il-vettura.

**35.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Il-pjanċi għandhom jinżammu ndaf.

**36.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.* Liċenza għall-użu ta' pjanċi *Trial Run*.

Liċenza għat-tagħlim tas-sewqan ta' vettura.

**37.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Liċenza għal skola ta' sewqan.

**38.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Talba għal skola ta' sewqan.

**39.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**40.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Jintużaw biss vetturi awtorizzati.

**41.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Detentur ta' liċenza għandu jżomm ġurnal.

**42.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

*Instructor* għandu jkollu l-liċenza meħtieġa.

**43.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

*Instructor* biss joqgħod flimkien ma' min ikun qed jitgħallem.

**44.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Kanċellament jew sospensjoni tal-liċenza ta' skola.

**45.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Kanċellament jew sospensjoni tal-liċenza biex wieħed jagħmilha ta' *instructor.*

**46.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Ħtieġa ta' liċenza għat-tagħlim tas-sewqan.

**47.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Vetturi tat-trasport pubbliku.

**48.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Ċertifikat ta' kapaċità.

**49.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Liċenzi għas-sewqan ta' vettura.
*Emendat:*
*A.L. 149 ta' l-1995;*
*A.L. 268 ta' l-1998;*
*A.L. 68 ta' l-1999;*
*A.L. 174 ta' l-1999.*

**50.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Talba fuq il-formula apposta.

**51.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Il-liċenza turi l-klassi, ritratt.

**52.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Tiġdid ta' liċenzi..

**53.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Kanċellament jew sospensjoni ta' liċenzi tas-sewqan.

**54.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

**55.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Kunsinna lura minnufih ta' liċenza kanċellata, eċċ.
*Emendat: A.L. 149 ta' l-1995.*

**56.** Kull min ikollu l-liċenza tiegħu sospiża skond l-artikolu 91 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għandu wkoll jikkunsinna t-*tag* ta' identità tiegħu lill-Awtorità.

Kunsinna ta' *tag* ta' identità.
Kap. 10.

**57.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Kundanna mill-Qorti.

**58.** *Revokat bl-A.L. 191 ta' l-2002.*

Sewqan kontra l-liġi.

**59.** Id-detentur ta' liċenza ta' vettura bil-mutur hu responsabbli illi d-*driver* u/jew il-kunduttur impjegati minnu għandhom il-liċenzi meħtieġa. Id-*driver* ta' vettura hu responsabbli illi l-vettura bil-mutur li minnha jkun inkarigat ikollha l-liċenza meħtieġa għas-servizz li għandha taqdi.

Responsabbiltà għal-liċenza.

**60.** *Revokat bl-A.L. 476 ta' l-2004.*

Liċenza għal vetturi bil-mutur għall-ġarr ta' kadavri.

**61.** (1) Ebda vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija li tkun itwal minn tmien metri ma għandha tidħol fil-Belt Valletta mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità.

Id-dħul ta' vetturi kbar fil-Belt Valletta.
*Sostitwit: A.L. 414 ta' l-2007.*

(2) Ebda vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-passiġġieri u li għandha iżjed minn tmintax-il sedil minbarra s-sedil tax-xufier ma għandha tidħol f'dik il-parti tal-Belt Valletta indikata bħala żona fejn l-aċċess fiha jkun bi ħlas skond ir-Regolamenti dwar Aċċess Kontrollat ta' Vetturi f'Ċerti Żoni mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità.

L.S. 65.31

**62.** (1) Ħadd ma jista' jżomm f'*garage* iżjed minn erba' vetturi bil-mutur f'xi post mingħajr liċenza ta' *garage* privat, jew vettura bil-mutur liċenzjata għal kiri mingħajr liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku.

Liċenza biex jinżamm *garage*.
*Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

(2) In-numru ta' vetturi bil-mutur li jinżammu f'xi *garage* għandu jkun stabbilit skond in-numru ta' vetturi li jużaw il-ħarġa jew id-daħla komuni għat-triq:

Iżda, sabiex jiġi stabbilit in-numru ta' dawk il-vetturi, żewġ *motor cycles* għandhom jitqiesu daqs vettura bil-mutur waħda.

(3) Id-detentur ta' liċenza ta' *garage* privat għandu jkollu reġistru bin-numru ta' reġistrazzjoni, u l-isem u l-indirizz tas-sid jew sidien tal-vetturi li jinżammu f'dak il-*garage*.

(4) Liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku tawtorizza lid-detentur tagħha li jżomm f'dak il-*garage* vetturi bil-mutur liċenzjati għall-kiri, li n-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom jidher fuq il-liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku stess:

Iżda, bla ħsara għal dak li hemm fis-sub-regolament (3), liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku għandha titqies li tinkludi liċenza ta' *garage* privat.

(5) Liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku tawtorizza lid-detentur tal-liċenza li jikri minn dak il-*garage* vetturi bil-mutur biss reġistrati u liċenzjati f'ismu għall-kiri li jistgħu jinżammu f'dak il-*garage* skond id-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (4).

(6) Ebda persuna ma jista' jkollha reġistrat u liċenzjat f'isimha xi vettura bil-mutur għall-kiri jekk ma jkollhiex liċenza f'isimha biex iżżomm *garage* ta' servizz pubbiku.

(7) Ebda persuna li jkollha liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku, u ebda membru tal-familja tagħha li jkun jirrisjedi magħha, fl-istess dar, ma għandu jkollha reġistrat f'isimha iktar minn żewġ karrozzi privati.

(8) Id-detentur ta' liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku għandu jkollu reġistru bit-tagħrif li ġej:

(*a*) id-data u l-ħin ta' meta toħroġ u meta daħlet kull vettura mikrija minn hemm;

(*b*) l-isem, in-numru tal-liċenza u n-numru tat-*tag* ta' identità tad-*driver*; u

(*ċ*) l-isem, l-indirizz u n-numru tal-liċenza ta' kull persuna li tikri vettura bil-mutur biex tinsaq minn min jikriha.

(9) Ħadd ma jista' jikri vettura bil-mutur liċenzjata għall-kiri ħlief minn *garage* ta' servizz pubbliku.

(10) Liċenzi ta' *garage* privat jew *garage* ta' servizz pubbliku għandhom jinħarġu mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Awtorità rispettivament, iżda liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku ma tibqax valida meta d-detentur tagħha ma jkollu ebda liċenza f'ismu dwar vetturi liċenzjati għall-kiri u awtorizzati li jinżammu f'dak il-*garage*.

(11) L-Awtorità għandha tagħti lid-detentur ta' liċenza ta' *garage* ta' servizz pubbliku li jitlobha, liċenza speċjali li tawtorizzah jutilizza fondi addizzjonali, li jkunu xierqa biex fihom jinżammu vetturi bil-mutur, bl-uniku skop li jdaħħal fihom bħala *garage* vetturi bil-mutur liċenzjati għall-kiri li jkunu reġistrati f'isem id-detentur:

Iżda għandha titniżżel bħala kundizzjoni fil-liċenza speċjali msemmija li ebda servizz ta' kiri ma għandu jingħata minn, u ebda uffiċċju ma għandu jinfetaħ fil-fondi addizzjonali hekk liċenzjati.

(12) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "vetturi bil-mutur liċenzjati għall-kiri" tfisser *motor cars* għall-kiri, karrozzi *self-drive* u *motor cycles* għall-kiri, iżda ma tinkludix *taxicars* jew *motor route buses*.

*Garage* għax-xogħlijiet u tiswijiet.

**63.** *Mħassar bl-Avviż Legali 322 ta' l-2002.*

Liċenza dwar *garages*.

Kap. 10.

**64.** Il-liċenzi kollha biex jinżamm post fejn soltu jinżammu vetturi bil-liċenza għall-kiri jew *garage* għax-xogħlijiet u t-tiswijiet ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 130 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

*Car park attendants. Sostitwit: A.L. 93 ta' l-2003. Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**65.** (1) L-ebda persuna ma' tista tagħmilha ta' *car park attendant* mingħajr liċenza maħruġa mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

(2) Applikazzjoni għall-liċenzja taħt dan ir-regolament għandha issir fil-forma preskritta. L-formola mimlija, flimkien ma' żewġ ritratti reċenti ta' l-applikant ta' daqs kif użat għall-passaport, għandha tkun iddepożitata jew mibgħuta lill-uffiċċji ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

(3) Liċenzi ġodda ikunu maħruġa mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta skond l-ordni ta' prijorità li fiha tkun rċeviethom l-imsemmija Awtorità.

(4) Liċenza maħruġa taħt dan ir-regolament għandha tkun -

(*a*) personali u mhux trasferibbli;

(*b*) applikabbli biss għall-ħinijiet u post ta' parkeġġ skedat li l-*car park attendant* huwa illiċenzjat sabiex jissorvelja;

(*ċ*) valida sal-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha tkun maħruġa, iżda tista minn hemm 'l quddiem tkun mġedda minn sena għal sena; u

(*d*) soġġetta għall-ħlas ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) pagabbli mal-ħruġ tal-liċenza u kull sena mid-data ta' ħruġ tal-liċenza.

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandha ukoll tipprovdi lill-*car park attendants* b'*tag* ta' identifikazzjoni li tindika l-isem, in-numru tal-karta ta' identità u n-numru tal-liċenza, l-parkeġġ tal-karozzi li huwa illiċenzjat sabiex jissorvelja u l-ħinijiet li matulhom jista' jaġixxi bħala *car park attendant* f'dak il-parkeġġ tal-karozzi.

(5) L-ebda persuna liċenzjata ma' tista taġixxi bħala *car park attendant* jekk ma' tkunx ħalset l-miżata tal-liċenzja pagabbli kull sena jew għall-perjodu kif speċifikat.

(6) L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta m'għandhiex toħroġ lill-ebda persuna liċenza taħt dan ir-regolament kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li l-persuna hija ta' kondotta tajba u li tkun kapaċi li taqdi d-dmirijiet tagħha.

(7) *Car park attendant* għandu, waqt ix-xogħol, jilbes t-*tag* ta' identifikazzjoni maħruġa lilu mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta f'post fejn tidher u għandu josserva r-regoli dwar l-ilbies maħruġa mill-istess Awtorità.

(8) *Car park attendant* ikun awtorizzat li jaħdem biss fil-parkeġġi tal-karozzi murija fil-liċenza tiegħu. Għandu jkun f'dak il-parkeġġ jew parkeġġi tal-karozzi matul il-ħin muri fil-liċenza tiegħu. Il-persuna li għandha l-liċenza hija responsabbli għat-tindif tal-post tal-parkeġġ meta hija tkun xogħol.

(9) L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandha twaqqaf sinjal li jidher fid-dħul tal-parkeġġ tal-karozzi skedat fejn tindika li:

(*a*) l-post huwa parkeġġ tal-karozzi skedat; u

(*b*) l-ħinijiet li matulhom ikun hemm l-*car park attendant.*

(10) *Car park attendant* għandu jkollu permess li jżomm kull gratifikazzjoni li jista' jirċievi mingħand sewwieqa li jużaw l-parkeġġ tal-karozzi.

(11) *Car park attendant* għandu juża l-kura u d-diliġenza kollha sabiex jiżgura d-dħul, l-parkeġġ u l-ħruġ ordinat tal-vetturi f'kull parkeġġ tal-karozzi li għalih responsabbli u li ma jippermettix serq jew ħsara lil dawk l-vetturi. Huwa għandu jniżżel bil-miktub n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kull vettura involuta f'kolliżjoni jew inċident ieħor f'dak il-parkeġġ tal-karozzi u jirraporta l-partikolaritajiet lill-Pulizija.

(12) Kull persuna li tagħmel użu ta' parkeġġ tal-karozzi għandha tħares is-sinjali jew istruzzjonijiet leġittimi tal-*car park attendant* dwar id-dħul, l-parkeġġ u l-ħruġ tal-karozza f'dak il-parkeġġ tal-karozzi. Ebda persuna ma għandha tipparkja vettura eqreb minn 750mm min-naħa ta' vettura oħra u l-*car park attendants* għandhom jiżguraw illi din d-disposizzjoni tiġi osservata mis-sewwieqa.

(13) L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista' tqiegħed ma' kull liċenza maħruġa jew imġedda skond dan ir-regolament kondizzjonijiet oħra li jidhrulha xierqa biex tiġi żgurata l-osservanza sewwa tad-dmirijiet ta' *car park attendant.*

(14) Bla ħsara għal kull responsabilità oħra ta' *car park attendant* skond id-disposizzjonijiet ta' dawn r-Regolamenti jew ta' xi liġi oħra, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista', f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin, tissospendi għal dak iż-żmien li jidhrilha xieraq jew tħassar l-liċenza ta' *car park attendant* jew tirrifjuta t-tiġdid tagħha:

(*a*) jekk tkun sodisfatta li l-persuna li għandha l-liċenza m'għadhiex kapaċi taqdi dmirijieta;

(*b*) jekk l-persuna li għandha l-liċenza tinstab ħatja ta' reat;

(*ċ*) jekk jiġi pruvat għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta illi l-persuna li għandha l-liċenza ġabet ruħha ħażin jew b'mod li mhux xieraq waqt li kienet qed taqdi dmirijietha jew li kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan r-regolament jew xi waħda mill-kondizzjonijiet li jkun hemm għal-liċenza;

(*d*) jekk l-persuna li għandha l-liċenza naqset li tissodisfa kull responsabbiltà ċivili li jkun daħal għaliha favur xi ħadd li jkun uża l-parkeġġ tal-karozzi taħt r-responsabbilità tiegħu.

(15) Meta l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tkun qed taqdi l-funzjonijiet tagħha skond dan ir-regolament, hija ma tirrendix lill-Gvern suġġett għal xi responsabbiltà dwar xi telf ta', jew ħsara lil xi vettura jew oġġetti li jinsabu fiha jew tgħamir tagħha jew dannu ikkaġunat b'xi mod ieħor, f'post ta' parkeġġ.

(16) (*a*) Fejn *tag* ta' identifikazzjoni maħruġa taħt dawn r-regolamenti ġiet mitlufa jew misruqa, jew l-*car park*

*attendant* m'għadux b'xi mod ieħor f'pussess ta' din it-*tag*, l-*car park attendant* għandu jinnotifika lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fi żmien ħamest ijiem mid-data meta jsir jaf b'dan l-fatt.

(*b*) L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandha, fi żmien għaxart ijiem mill-irċevuta ta' din n-notifikazzjoni, toħroġ *tag* doppja biex tieħu post l-oriġinal. Il-miżata għal din it-*tag* doppja għandha tkun ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).

(17) (*a*) L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandha iżżomm Reġistru tal-*car park attendants* kollha li huma liċenzjati.

(*b*) Ir-Reġistru għandu juri l-isem, indirizz residenzjali u numru tal-karta tal-identità ta' kull *car park attendant* liċenzjat u n-numru tal-liċenza tiegħu, l-post fejn qiegħed l-post ta' parkeġġ li huwa liċenzjat sabiex jopera fih u l-ħin li fih huwa awtorizzat sabiex jopera f'dak il-post ta' parkeġġ.

(*ċ*) Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni mill-pubbliku.

Liċenza ta' kunduttur ta' *motor route bus*. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**66.** (1) Ebda persuna ma tista' taħdem ta' spettur tal-biljetti jew ta' kunduttur ta' *motor route bus* jekk ma jkollhiex liċenza, u *tag* ta' identità lilha mogħtija, mill-Awtorità.

(2) L-Awtorità ma għandhiex toħroġ jew iġġedded liċenza jekk l-applikant ma jkunx ta' karattru tajjeb, kapaċi li jagħmel ix-xogħol tiegħu u -

(*a*) fil-każ ta' spettur tal-biljetti, jekk ma jkunx laħaq l-età ta' tmintax-il sena;

(*b*) fil-każ ta' kunduttur ta' *motor route bus*, jekk ma jkunx laħaq l-età ta' sittax-il sena.

(3) L-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, torbot ma' kull liċenza dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

(4) Kull liċenza maħruġa jew imġedda mill-Awtorità skond dan ir-regolament tista' tiġi sospiża jew irtirata minnha jekk l-Awtorità jkollha raġuni biex taħseb li d-detentur ta' dik il-liċenza ma jkunx għadu ta' karattru tajjeb jew ma jkunx għadu kapaċi li jagħmel ix-xogħol tiegħu jew ikun kiser xi kundizzjoni marbuta ma' dik il-liċenza.

(5) Kull min jaħdem bħala spettur tal-biljetti jew bħala kunduttur għandu, filwaqt li jkun qiegħed jaħdem, jilbes it-*tag* ta' identità lilu mogħtija mill-Awtorità fejn din tkun tidher fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru.

(6) Meta xi persuna li jkollha liċenza biex taħdem bħala spettur tal-biljetti jew bħala kunduttur ta' *motor route bus* ma tkomplix taħdem għal xi raġuni, tkun li tkun, anki mard (li ma jkunx mard ta' żmien qasir), din għandha minnufih tagħti lura t-*tag* ta' identità lill-Awtorità u titqies li rrinunzjat għal-liċenza relattiva.

TAQSIMA IV

**Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur**

Dmir tad-*driver* li jwaqqaf f'każ ta' inċident.
*Sostitwit:*
*A.L. 234 ta' l-1997.*
*Emendat:*
*A.l. 104 TA' L-2004.*

**67.** (1) F'kull każ, fejn minħabba vettura bil-mutur fi triq, jiġri xi inċident li jkun jinvolvi offiża fuq persuna oħra jew tiġi kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà oħra, id-*driver* tal-vettura bil-mutur għandu jieqaf u, jekk ikun meħtieġ li jagħmel dan minn uffiċjal tal-Pulizija, gwardjan lokali jew minn persuna, li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

(2) Salvi d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti l-oħra hawn iżjed 'l isfel ta' dan ir-regolament, meta xi każ li dwaru japplika is-subregolament (1) ikun jikkonsisti f'aċċident li jkun jaqbel mad-deskrizzjoni mogħtija fit-Tieni Skeda, imma li ma tkun tinvolvi ebda offiża fuq il-persuna jew ħsara lil proprjetà pubblika, il-persuni involuti fl-aċċident għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li titneħħa minnufih kull ħaġa li tista' tkun qegħda tfixkel il-mogħdija ħielsa tat-traffiku u minnufih wara dan jiskambjaw dik l-informazzjoni meħtieġa b'dawn ir-regolamenti dwar kif ikun ġara l-aċċident fuq dawk il-formoli għaldaqstant provvisti mill-assiguraturi tad-*driver* jew tas-sid, liema formola għandha tingħata lill-assiguraturi rispettivi sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara d-data ta' l-aċċident.

(3) Salvi d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti l-oħra hawn iżjed 'l isfel ta' dan ir-regolament, meta xi każ li dwaru japplika s-subregolament (1) ikun jikkonsisti f'aċċident li ma jkunx jaqbel mad-deskrizzjoni mogħtija fit-Tieni Skeda, imma li ma jkun jinvolvi ebda offiża fuq il-persuna jew ħsara lil proprjetà pubblika, u l-persuni involuti jkunu jaqblu fuq kif ikun sar l-aċċident allura, il-persuni involuti fl-aċċident għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni meħtieġa b'dawn ir-regolamenti u jagħtu l-informazzjoni rilevanti dwar kif ikun ġara l-aċċident fuq dawk il-formoli għaldaqstant provvisti mill-assiguraturi tad-*driver* jew tas-sid, liema formola għandha tingħata lill-assiguraturi rispettivi sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara d-data ta' l-aċċident, u għandhom malli dan jieħdu passi biex jiżguraw li titneħħa minnufih kull ħaġa li tista' tkun qegħda tfixkel il-mogħdija ħielsa tat-traffiku.

(4) Salvi d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti l-oħra hawn iżjed 'l isfel ta' dan ir-regolament, meta xi każ li dwaru japplika s-subregolament (1) ikun jikkonsisti f'aċċident li ma jkunx jaqbel mad-deskrizzjoni mogħtija fit-Tieni Skeda, imma li ma jkun jinvolvi ebda offiża fuq il-persuna jew ħsara lil proprjetà pubblika, u l-persuni involuti ma jkunux jaqblu fuq kif ikun sar l-aċċident allura, il-persuni involuti fl-aċċident għandhom minnufih javżaw lill-gwardjan lokali u għandhom jagħtuh dak it-tagħrif li jista' jkun meħtieġ b'dawn ir-regolamenti.

(5) Salvi d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti l-oħra hawn iżjed 'l isfel ta' dan ir-regolament, meta xi każ li dwaru japplika s-subregolament (1) ikun jikkonsisti f'aċċident li jkun jinvolvi offiża

fuq il-persuna jew ħsara lil proprjetà pubblika, il-persuni involuti fl-aċċident għandhom minnufih javżaw lill-gwardjan lokali u, jew lill-Pulizija, u għandhom jagħtuhom dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa b'dawn ir-regolamenti.

(6) Il-formula msemmija fis-subregolament (2) m'għandhiex tkun ammissibbli bħala prova fi proċedimenti kriminali ħlief -

(*a*) fi proċedimenti kriminali dwar xi dikjarazzjoni jew informazzjoni falza f'dik l-imsemmija formula; jew

(*b*) fuq talba ta' l-akkużat li jkun id-*driver* jew is-sid li jkun ta l-informazzjoni rilevanti f'dik il-formula msemmija.

Kontroll ta' vetturi bil-mutur. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**68.** Min ikun isuq vettura għandu joqgħod bil-qiegħda b'mod li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura, u vista sħiħa tat-triq u l-vetturi. Huwa ma għandux iħalli l-vettura weħidha bla ma jieħu prekawzjoni xierqa biex ma tiġix imċaqalqa sakemm idum nieqes jew iħalli l-vettura wieqfa fi triq jew li tkun immaniġġata b'mod li tkun ta' xkiel bla bżonn jew ta' xi inkonvenjent għall-pubbliku.

Min ikun inkarigat minn *motor route bus*, *taxicar*, *motor car* għall-kiri jew vettura tal-merkanzija ma għandu fl-ebda ħin imexxi l-vettura tiegħu bil-makna mitfija matul ebda biċċa tat-triq la f'direzzjoni 'l quddiem u lanqas lura, għal distanza itwal minn sitt metri.

Tagħbija żejda ta' vetturi. *Emendat: A.L. 3 ta' l-2007.*

**69.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' kull regolament ieħor li jillimita n-numru ta' passiġġieri jew l-akbar tagħbija li tista' tinġarr f'xi vettura, ħadd ma għandu jsuq ebda vettura li tkun mgħobbija ż-żejjed b'passiġġieri jew merkanzija hekk li toħloq periklu jew lill-passiġġieri li jinġarru fiha jew lil terzi persuni.

(2) Ħadd ma għandu jsuq *motor car* tal-kiri, *taxicar* jew karrozza *self-drive* li fuqha jkun hemm iktar passiġġieri minn numru indikat fil-liċenza.

Ġarr ta' oġġetti li jistgħu jikkaġunaw ħsara.

**70.** Ħadd ma għandu jsuq xi vettura li jkollha mwaħħla magħha xi ħaġa li, minħabba l-piż jew pożizzjoni tagħha, tista tikkaġuna ħsara lil xi proprjetà ta' persuna oħra, jew lit-triq jew post ieħor ta' passaġġ pubbliku; jew li tista' tfixkel il-manuvrar jew l-effiċjenza mekkanika tal-vettura.

Kantunieri.

**71.** Kull min ikun isuq vettura għandu, qabel ma jilwi kantuniera jew qabel ma jersaq lejn salib it-toroq, imexxi bil-mod u jagħmel sinjal biex juri għal liema naħa bi ħsiebu jiġbed.

Dħul jew tluq minn *garage*.

**72.** Meta *driver* ta' vettura jkun dieħel jew tielaq minn *garage* għandu jieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha li huma meħtieġa biex jiskansa inċidenti u kolliżjonijiet ma' vetturi oħra fit-triq.

Sid għandu jagħti tagħrif biex jinstab id-*driver*.

**73.** Is-sid ta' vettura huwa fid-dmir, meta jiġi mistoqsi minn membru tal-Korp tal-Pulizija, li jagħti kull informazzjoni li biha l-Pulizija tista' tasal biex issib il-persuna li kienet qiegħda ssuq il-vettura meta hemm rapport li jkun sar xi delitt jew kontravenzjoni.

Tħollijia ta' vettura bil-mutur fit-triq.

**74.** Ebda vettura ma tista' titħalla f'xi triq kontra xi regolamenti dwar ipparkjar jew f'dik il-qagħda jew f'dik iċ-ċirkostanza b'mod li aktarx tista' tkun ta' periklu jew ta' xkiel lil

nies oħra li jużaw it-triq.

Sewqan fuq in-naħa tax-xellug.

**75.** Kull min ikun qed isuq vettura għandu jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u, meta jkun qed jaqbeż xi vettura oħra, żiemel jew frat, għandu jżomm il-vettura tiegħu fuq in-naħa tal-lemin ta' dik il-vettura, żiemel jew frat ħlief f'passaġġi tat-traffiku espressament markati għal hekk fuq it-triq, u fil-limiti ta' dawk is-sinjali, jew għal raġuni oħra xierqa.

Meta jkun ser jibdel id-direzzjoni jew il-kors jew inaqqas is-sewqan jew jieqaf, jew ikun ser jaqbeż xi vettura oħra, żiemel jew frat, kull *driver* għandu jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa, u għandu juri l-intenzjoni tiegħu b'sinjal b'idejh jew b'indikatur tat-traffiku jew b'dawl ta' indikatur.

Triq prinċipali.

**76.** Triq prinċipali hi dik li t-traffiku kollu li jkun għaddej minnha jkollu d-dritta għas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jagħtu għaliha għandhom jagħmlu l-wisa' lil dak tat-triq prinċipali, iżda d-*driver* ta' kull vettura sew fi triq prinċipali sew f'waħda sekondarja għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera.

Tfixkil.
*Sostitwit:*
*A.L. 3 ta' l-2007.*
*Emendat:*
*A.L. 408 ta' l-2007.*

**77.** (1) Min isuq jew ikun inkarigat minn vettura bil-mutur ma għandu la xjentement jew bi traskuraġni, iżomm, ifixkel, jew jaqta' l-mogħdija jew ma jħallix skaplu għal mogħdija ta' persuna, vettura, żiemel jew frat f'kull triq li tkun.

(2) Ebda persuna ma għandha tipparkja jew tħalli bla għassa xi vettura bil-mutur b'dak il-mod li ma tħallix xi vettura bil-mutur ta' persuna oħra milli jkollha dħul jew ħruġ liberu għal jew minn xi post użat u immarkat b'mod ċar bħala garaxx bil-kelma "GARAXX LI QED JINTUŻA":

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament il-kelma "garaxx" tfisser kull bini użat speċifikament biex jiġu garaxxjati u, jew ipparkjati vetturi bil-mutur, u tinkludi *drive-in*.

(3) Ebda persuna ma għandha timmarka fond bħala garaxx kemm-il darba dak il-fond ma jkunx qiegħed jintuża biex tiġi garaxxjata xi vettura fih.

(4) Ebda persuna ma għandha tiżbogħ jew iġġiegħel li jinżebgħu xi marki tal-karreġġata fuq kull naħa tat-triq quddiem id-dħul jew il-ħruġ ta' xi fond immarkat bħala garaxx:

Iżda l-Awtorità tista' tapprova ż-żbiegħ ta' sinjali sofor doppji fuq kull naħa jew naħa waħda tal-fond immarkat bħala garaxx jew fuq in-naħa opposta tat-triq biex tiżgura d-dħul u l-ħruġ bla ebda periklu ta' vettura bil-mutur fi u minn dak il-garaxx.

(5) Persuna li tiżbogħ jew iġġiegħel li min jiżbogħ xi marki tal-karreġġata quddiem id-dħul jew il-ħruġ ta' xi fond immarkat bħala garaxx mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtrorità tkun ħatja ta' reat, u tista' teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) u multa ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li l-marki tal-kareġġata jitħallew miżbugħa ma' l-art.

Żona ta' l-ipparkar riservata.

**78.** Meta xi area jew spazju f'xi triq jew pjazza jkun immarkat,

jew mogħti bħala, ipparkjar riżervat, u l-Kummissarju tal-Pulizija joħroġ permess bil-miktub favur is-sidien tal-vetturi li jistgħu jagħmlu użu minn dik l-area jew dak l-ispazju, ebda vettura bil-mutur ma tista' tiġi parkjata hemmhekk kemm-il darba l-permess relattiv ma jkunx imwaħħal fuq in-naħa tax-xellug tal-*windscreen* tal-vettura relattiva.

**79.** Ħadd ma għandu, ħlief jekk ma jiġix ordnat jagħmel xort'oħra minn uffiċjal tal-Pulizija njew minn gwardjan lokali, jipparkja jew jħalli waħedha xi vettura bil-mutur jew *trailer* -

Projbizzjoni ta' parkjar. *Sostitwit: A.L. 156 ta' l-2004.*

(*a*) matul 12-il metru minn kull naħa ta' xi *bus stop* jew *fare stage*, sakemm is-sinjali jew marki uffiċjali tat-triq ma jkunux juru xort'oħra;

(*b*) madwar *roundabout* tat-traffiku jew *traffic island*;

(*ċ*) fuq, jew matul 4 metri minn, post ta' qsim għall-*pedestrians*, minn naħa li minnha jkun ġej it-traffiku, sakemm ma jkunx hemm bankina sporġuta 'l barra;

(*d*) fuq il-bankina sakemm ma jkunx indikat xort'oħra b'sinjal adatt;

(*e*) f'kull post fejn sinjali proprji tat-triq kif indikati fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata jkunu juru li ma jistax isir ipparkjar; L.S. 65.05

(*f*) b'mod li jfixkel il-passaġġ ta' vettura li tkun ipparkjata sewwa; jew

(*g*) matul 5 metri minn kantuniera, liwja jew *splay*:

Iżda fil-każ ta' liwja jew *splay*, il-5 metri msemmija fil-paragrafu (*e*) għandhom jitkejlu minn fejn il-linji jaqsmu lil xulxin fl-allinjament estiż tal-bini fuq kull naħa taż-żewġ toroq li jiffurmaw dik il-liwja jew *splay*:

Iżda wkoll fejn is-sinjali tat-triq indikati fit-Taqsima IID(*f*)(13) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, f'kantuniera, liwja jew *splay* ta' xi triq partikolari ma jestendux għal-limitu ta' ħames metri stipulati, dik il-projbizzjoni ma għandhiex bl-istess mod tkun testendi għall-ħames metri sħaħ u għandha tkun limitata għad-distanza koperta mill-imsemmija sinjali tat-triq. L.S. 65.05

**80.** Il-*motor cycles* ma għandhomx jiġu pparkjati paralellament mal-bankina jew ħajt tat-triq iżda għandhom jiġu parkjati f'angolu ta' mhux anqas minn 45 grad għal dik il-bankina jew ħajt.

Ipparkjar ta' *motorcycles.*

**81.** Kull min isuq vettura ma għandux ireġġa' lura iżjed 'il bogħod jew f'iżjed milli jkun bilfors meħtieġ u għandu jieħu dawk il-prekawzjonijiet li huma meħtieġa biex jiskansa ħabta jew inċident ma' nies jew vetturi oħra fit-triq.

Riversjar.

**82.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 84, meta żewġ vetturi jkunu resqin lejn xulxin f'salib ta' toroq ta' l-istess importanza, id-*driver* tal-vettura bil-mutur li għandu mal-lemin tiegħu l-vettura bil-mutur l-oħra, għandu jħalli din il-vettura l-oħra jgħaddi. Id-*driver* ta' vettura li jkun ġej minn triq sekondarja għal triq prinċipali għandu jħalli jgħaddi t-traffiku tat-triq

Dritta fis-sewqan. *Emendat: A.L. 206 ta' l-2000.*

prinċipali.

(2) Vetturi li joqorbu lejn *roundabout* tat-traffiku għandhom iħallu jgħaddu lil dawk il-vetturi li jkunu diġà qegħdin iduru ma' dak ir-*roundabout*.

(3) Meta żewġ vetturi jiltaqgħu fi triq dejqa, li l-wisa' tagħha ma tħallix il-passaġġ liberu lit-tnejn, id-*driver* l-aktar viċin għall-parti l-iktar wiesgħa tat-triq, fejn iż-żewġ vetturi jistgħu jgħaddu t-tnejn liberament, għandu jreġġa' lura l-vettura tiegħu għal dik il-parti tat-triq u jħalli lill-vettura l-oħra li tkompli fit-triq tagħha.

(4) Meta żewġ vetturi jaslu f'toroq differenti li jiffurmaw *junction* forma ta' T, dik li tkun fit-triq *junction* għandha tagħti preċedenza li dik fit-triq id-dritta.

Vetturi speċjali. *Sostitwit: A.L. 335 ta' l-2002.*

**83.** (1) *Fire engines*, ambulanzi, vetturi tas-salvataġġ u tas-sokkors u vetturi oħra bil-mutur li għandhom preċedenza minħabba n-natura tax-xogħol, jistgħu jużaw mezzi ta' twissija akustiċi u, jew viżwali permezz ta' sireni, qniepen, ħorn b'żewġ ilħna u dawl blu jteptep waqt li jkunu sejrin għal sejħa ta' urġenza jew f'emerġenza. Fil-każ ta' personal mediku, li jkun qed jirrispondi għal sejħa ta' emerġenza, id-dawl iteptep ikun aħdar.

(2) Ebda vettura barra minn dawk imsemmija fis-sub-regolament (1) ma tista' tuża ebda wieħed mill-mezzi akustiċi jew viżwali msemmija fl-imsemmi subregolament mingħajr il-permess ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

*Drivers* għandhom jagħtu d-dritta lill-vetturi ta' preċedenza.

**84.** Id-*drivers* ta' vetturi għandhom, kif jisimgħu jew jaraw xi wieħed mill-mezzi ta' twissija akustiċi jew viżwali msemmija fir-regolament 83, jersqu bil-ħeffa lejn in-naħa tax-xellug tat-triq, u jieqfu, hekk li jħallu ħielsa kemm ikun possibbli mill-karreġġata sabiex tgħaddi jew jgħaddu l-vettura jew vetturi speċjali msemmija, u jistgħu ikomplu fi triqthom biss wara li dik il-vettura, jew dawk il-vetturi, ikunu għaddewhom.

Sinjal qabel ma wieħed iwaqqaf.

**85.** Kull min isuq vettura, qabel iwaqqaf għandu jmexxiha mal-bankina u mal-linja tagħha u jagħmel sinjal li huwa bi ħsiebu jieqaf jew billi juża s-sinjal tad-dawl jew, jekk dak is-sinjal tad-dawl ma jkunx f'dak il-mument qed jaħdem, billi joħroġ driegħu f'posizzjoni orizzontali, il-pala ta' idejh tħares 'l isfel, u jċaqlaqha bil-mod 'il fuq u 'l isfel u b'mod li idu tkun tista' tidher sewwa minn min qiegħed isuq wara l-vettura tiegħu bil-mutur.

Waqfien meta mitlub.

**86.** Meta jiġi mitlub jew meta jsirlu sinjal minn xi ħadd li jkun imexxi żiemel jew isuq frat, kull min isuq vettura għandu jwaqqaf il-vettura u jżommha wieqfa kemm, skond ma jkun hemm bżonn, biex jgħaddu dawn il-bhejjem.

Irmonk.

**87.** Ebda vettura ma għandha tirmonka vettura oħra kemm-il darba ċ-ċima jew katina ta' l-irmonk ma tkunx irranġata b'mod illi d-distanza li jkun hemm bejn it-trufijiet tal-vetturi ma tkunx iżjed minn 4.5 metri, u għandhom jittieħdu l-mezzi sabiex iċ-ċima jew katina ta' l-irmonk tkun tista' tingħaraf malajr minn nies oħra li jużaw it-triq, billi ma' din iċ-ċima jew katina titwaħħal ċarruta bajda.

Ħadd ma jista' jsuq vettura li tkun qed tirmonka xi vettura

oħra li jkollha *steering gear* kemm-il darba d-*driver* li jkollu l-kontroll tal-vettura rmonkata ma jkollux liċenza skond il-Kategoriji B, B1, Ċ, D u E tar-regolament 50, jew skond il-Kategorija A jekk il-vettura rmonkata tkun *motorcycle*, u ħadd ma jista' jsuq vettura rmonkata kemm-il darba ma jkunx hekk liċenzjat:

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament kull vettura rmonkata li jkollha *steering gear*, kemm-il darba l-vettura ma tkunx qed tiġi rmonkata minn gruwa jew minn xi vettura oħra li jkollha tagħmir li jerfa' oġġetti tqal u ma jkollhiex jew iż-żewġ roti ta' quddiem jew iż-żewġ roti ta' wara mtellgħin mill-art, għandha titqies li tkun vettura meħtieġa li tkun taħt il-kontroll ta' *driver* b'liċenza kif jingħad fil-paragrafu ta' qabel dan ta' dan ir-regolament ukoll jekk din il-vettura jkollha xi parti jew partijiet vitali tal-makna neqsin, jew xort'oħra ma tkunx tista' timxi bil-forza tagħha stess, minħabba dan id-difett jew ħsara.

Il-vettura rmonkata għandu jkollha dwal sew quddiem u sew wara matul il-ħin meta d-dwal għandhom jinxtegħlu.

Linji bojod u *studs*.
*Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**88.** Fejn tkun miżbugħa linja bajda, jew imwaħħla *studs* madwar kantuniera jew liwja, ebda vettura ma għandha taqbeż oħra li tkun miexja fl-istess direzzjoni.

Ebda vettura ma għandha tieqaf f'tul ta' 6 metri minn kull kantuniera sabiex tniżżel jew trikkeb jew tistenna l-passiġġieri, lanqas ma jista' *driver* iħalli l-vettura fil-post fejn hemm il-linji bojod jew *studs*.

Fejn hemm linji bojod miżbugħin viċin *bus stop* jew *stage* tan-nol, il-*motor route buses* għandhom jieqfu fl-ispazju ta' bejn il-linji bojod u t-tarf tal-bankina meta jersqu lejn il-*bus stop* jew *stage* tan-nol biex iniżżlu jew itellgħu l-passiġġieri jew meta jkunu weqfin hemmhekk, u, meta jitilqu minn hemm, ma jaqbżux il-linja bajda parallela ma' tarf il-bankina.

Meta żewġ *motor route bus*es jew iżjed minn tnejn jaslu fejn *bus stop* jew *stage* tan-nol fl-istess ħin jew *motor route bus* jasal meta fejn il-*bus stop* jew *stage* tan-nol ikun hemm diġà *motor route bus* jew iżjed minn *motor route bus* wieħed, il-*bus* jew *buses* li jkunu wara l-ewwel *bus* għandhom jieqfu immedjatament wara l-*bus* ta' quddiemhom b'tali mod li jibqgħu f'linja waħda miegħu u ma għandhomx jitilqu minn dak il-*bus stop* jew *stage* tan-nol qabel ma jitlaq il-*bus* li jkun immedjatament quddiemhom. F'kull każ, kull *bus* li jitlaq mill-*bus stop* jew *stage* tan-nol għandu jgħaddi mill-ispazju ta' bejn tarf il-bankina minn naħa waħda u l-linja l-bajda parallela ma' tarf il-bankina min-naħa l-oħra. L-ebda vettura barra minn *motor route bus* ma' tista' tieqaf fl-ispazju bejn il-linji l-bojod u t-tarf tal-bankina.

Postijiet mnejn jaqsmu nies bil-pass.

**89.** (1) Meta t-triq tkun markata b'linji bojod paralleli jew bi *studs* matul il-wisa' tagħha, jew b'sinjali oħra biex juru spazju għall-passaġġ għall-użu ta' nies bil-pass, il-vetturi kollha li jkunu qed jersqu lejn dak il-passaġġ għandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bżonn għandhom jieqfu, biex iħallu lin-nies bil-pass jaqsmu, u ma għandhom f'ebda każ jaqsmu l-passaġġ ta' xi nies bil-pass li jkunu qed jużawh.

(2) Ebda persuna bil-pass ma għandha titnikker bla bżonn waqt li tkun qed taqsam it-triq mill-passaġġ.

(3) Meta xi passaġġ għan-nies bil-pass ikun kontrollat minn sinjali tad-dwal tat-traffiku, kemm awtomatiċi kemm manwali, n-nies bil-pass ma għandhomx jagħmlu użu minn dak il-passaġġ jekk ma jkunux awtorizzati minn dawk is-sinjali tad-dwal.

(4) Is-sinjali tad-dwal imsemmija fl-aħħar sub-regolament ta' qabel dan għandhom jikkonsistu fil-kelma mdawla WAIT, fil-kelma mdawla CROSS u fil-kelma mdawla b'intervalli CROSS u għandhom ifissru kif ġej:

(*a*) il-kelma mdawla WAIT għandha tfisser li ebda persuna bil-pass ma tista' tagħmel użu mill-passaġġ;

(*b*) il-kelma mdawla CROSS għandha tfisser illi nies bil-pass jistgħu jagħmlu użu mill-passaġġ; u

(*ċ*) il-kelma mdawla b'intervalli CROSS għandha tfisser illi l-ħin permss għall-użu mill-passaġġ ser jispiċċa, u li ebda persuna bil-pass, li ma tkunx ġa qed taqsam it-triq, ma tista' tagħmel użu mill-passaġġ.

Karreġġjati għat-traffiku.
*Emendat:*
*A.L. 85 ta' l-1999;*
*A.L. 3 ta' l-2007.*

**90.** (1) Fejn il-karreġġjata tkun maqsuma f'żewġ karreġġjati jew iktar, it-traffiku li jkun miexi bil-mod u l-vetturi tqal għandhom jużaw il-karreġġjata ta' ġewwa nett ħlief meta jkunu qegħdin jaqbżu xi vettura oħra jew fejn ikun hemm sinjali li jindikaw l-użu ta' karreġġjati oħra, u t-traffiku l-ieħor għandu juża l-karreġġjata jew il-karreġġjati ta' barra.

(2) Fejn il-*lane* ta' ġewwa nett tal-karreġġata ikun indikat bħala *lane* għal vetturi ta' preċedenza, dan ikun jista' jintuża biss minn vetturi tat-trasport pubbliku (minbarra vetturi *self-drive*), karrozzini, *bicycles*, *motor cycles*, vetturi għall-ġarr ta' merkanzija tqila u vetturi oħra li għandhom preċedenza minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom kif hemm imsemmi fir-regolament 83(1).

(3) *Lane* għal vetturi ta' preċedenza għandu jkun indikat permezz ta' sinjal dwar vettura ta' preċedenza li jista' ukoll jindika l-ħin li fih dak il-*lane* għal vetturi ta' preċedenza jkun qed jintuża għaldaqshekk.

(4) Ebda persuna ma għandha, filwaqt li tkun qiegħda ssuq vettura li ma tkunx vettura kif imsemmija fis-subregolament (2), issuq f'*lane* għal vetturi ta' preċedenza ħlief f'każ ta' emerġenza.

TAQSIMA V

**Tagħmir ta' Vetturi**

Alterazzjoni jew tibdil.
*Emendat:*
*A.L. 3 ta' l-2007;*
*A.L. 414 ta' l-2007.*

**91.** (1) Ebda persuna ma tista', mingħajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem ta' l-Awtorità -

(*a*) tagħmel, jew tordna jew iġġiegħel li jsir xi tibdil fil-*body*, inkluż kemm jistgħu jitgħabbew passiġġieri bilqiegħda jew l-arranġamenti tas-sedili tal-passiġġieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-*chassis* jew fil-makna ta' xi vettura bil-mutur;

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-kelma

"tibdil" tinkludi kull żjieda jew estensjoni u kull tibdil fl-għadd ta' sedili tal-passiġġieri; jew

(*b*) tibdel, jew tordna jew iġġiegħel li tinbidel, il-makna ta' xi vettura; jew

(*ċ*) tikkonverti, jew tordna jew iġġiegħel li tiġi konvertita, xi vettura mill-klassi li fiha tkun reġistrata jew liċenzjata għal xi klassi oħra; jew

(*d*) twaħħal *bull bar* jew oġġett ieħor li jeħel fuq vettura li jista' jkun ta' periklu għat-traffiku jew għall-persuni:

Iżda qabel ma vettura tiġi reġistrata, l-Awtorità tista' fil-każ ta' vetturi li jkunu għadhom kemm ġew impurtati, jordna li jitneħħa kull oġġett bħal dawk.

(2) Ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha, u ebda persuna ma għandha tuża, tordna jew iġġiegħel li jsir użu minn vettura bil-mutur meta tkun taf li din tkun qiegħda tikser id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1).

**92.** Vettura għandha tkun imgħammra b'żewġ sistemi ta' brejkijiet indipendenti għal kollox u li jaħdmu tajjeb (wieħed minnhom biex jaħdem għall-erba' roti f'daqqa) jew b'sistema wieħed ta' brejkijiet (li għandu jaħdem għall-erba' roti f'daqqa), f'kull każ magħmulin u mibnijin b'mod illi jekk tonqos li taħdem biċċa minn kull sistema ta' brejkijiet ma ttellifx il-brejkijiet fuq żewġ roti, jew jekk vettura jkollha inqas minn erba' roti, fuq rota waħda, ma ttellifx il-brejkijiet li jaħdmu sewwa biex iwaqqfu l-vettura f'tul raġonevoli: Brejkijiet.

Iżda fil-każ ta' sistema singlu ta' brejkijiet iż-żewġ mezzi biex jitħaddmu l-brejkijiet ma jitqisux li huma indipendenti biss minħabba l-fatt li huma mgħaqqdin sew direttament kemm indirettament ma' l-istess *cross shaft*.

Fil-każ ta' vettura li għandha iżjed minn tliet roti u mgħammra b'żewġ sistemi indipendenti ta' brejkijiet, jekk kull sistema jaħdem biss fuq żewġ roti, għandu jkun hekk magħmul u mibni illi l-brejkijiet tagħhom jaħdmu fuq żewġ roti fuq l-istess fus.

Meta, fil-każ ta' sistema singlu ta' brejkijiet, il-mezzi biex jitħaddmu l-brejkijiet ikunu mgħaqqdin direttament jew indirettament ma' l-istess *cross shaft*, il-brejkijiet li jitħaddmu minn wieħed minn dawn il-mezzi għandhom jaħdmu fuq ir-roti kollha tal-vettura direttament u mhux permezz tat-*transmission gear*.

Fil-każijiet kollha l-brejkijiet li jitħaddmu b'wieħed mill-mezzi tal-brejkijiet għandu jintuża b'ħidma mekkanika diretta bla ma jintuża ebda mezz ieħor idrawliku, elettriku jew pnewmatiku. Biex jitħaddmu l-bejkijiet għandu jkun hemm mezz wieħed li għandu jkun bil-pedala u għandu jkun iżomm waħdu.

Fil-klassijiet kollha l-brejkijiet li jitħaddmu b'wieħed mill-mezzi tal-brejkijiet għandhom jaħdmu dritt fuq ir-roti u mhux mit-*transmission gear*.

Meta l-komunikazzjonijiet tal-brejkijiet huma mgħaqqdin bi skorfini jew pinnijiet, l-iskorfini jew pinnijiet għandhom ikunu

minsuġin u invitati tajjeb. Fil-komunikazzjonijiet kollha magħmulin ma' l-iskorfini u l-pinnijiet f'xi qagħda li ma tkunx orizzontali r-ras ta' l-iskorfina jew tal-pinn għandha tkun fin-naħa ta' fuq.

L-inġenji għall-invalidi għandhom jkunu mgħammra b'sistema tajba ta' brejkijiet. Il-brejkijiet ta' din is-sistema għandhom jaħdmu għallinqas fuq żewġ roti tal-vettura magħmulin u mibnijin b'mod illi meta jitħaddmu l-brejkijiet il-vettura tieqaf f'tul xieraq.

Kull *trailer* ta' iżjed minn 100kg. mhux mgħobbi għandu jkun mgħammar bi brejk li jaħdem fuq għall-anqas żewġ roti fil-każ ta' *trailer* b'mhux aktar minn erba' roti u fuq erba' roti fil-każ ta' *trailers* li jkollhom aktar minn erba' roti.

Vetturi difettużi.
*Emendat:*
*A.L. 414 ta' l-2007.*

**93.** Ħadd ma għandu jsuq, jew iħalli li tinsaq ebda vettura, li jkollha l-brejkijiet, il-molol jew xi biċċa oħra mekkanika essenzjali difettuża.

Kull vettura tista' f'kull żmien tiġi eżaminata mill-Pulizija, mill-Gwardjani Lokali u mill-Uffiċjali ta' Infurzar ta' l-Awtorità, u tinżamm mill-użu jekk tinsab li mhix tajba, perikoluża għall-pubbliku, b'mod li aktarx tista tagħmel ħsara lill-proprjetà pubblika, jew xort'oħra jekk ma tkunx skond dawn ir-Regolamenti.

Għodda għat-tifi tan-nar.
*Emendat:*
*A.L. 414 ta' l-2007.*

**94.** Il-vetturi kollha, barra mill-*cars* privati u l-*motor cycles*, għandhom iġorru fuqhom għodod li jitfu n-nar, li jkunu tajba u mgħoddijin mill-Awtorità, u mqegħdin f'post tal-qabda li jista' jsir użu minnhom malli jenħtieġu.

Tagħmir.
*Emendat:*
*A.L. 98 ta' l-1995;*
*A.L. 414 ta' l-2007.*

**95.** (1) Il-vetturi kollha għandu jkollhom *stop lights*, merja li juru wara u indikaturi tad-direzzjoni. L-indikaturi tad-direzzjoni għandhom jitwaħħlu b'mod li jidhru tajjeb minn quddiem u minn wara. Il-vetturi bil-mutur, li ma jkunux *motor cycles*, għandu jkollhom *windscreen wipers*. Dan it-tagħmir għandu jinżamm f'kundizzjoni tajba.

(2) Għandu jkun hemm imwaħħla ċintorini tas-sigurtà fuq is-sedili kollha f'dawn il-vetturi bil-mutur li ġejjin li huma reġistrati biex jintużaw fit-toroq f'Malta:

(*a*) vetturi M1, M2 u N1 manifatturati fl-1 ta' Jannar, 1998, jew wara dik id-data; u

(*b*) vetturi M3, minbarra dawk li huma wkoll intiżi biex jgħabbu passiġġieri bilwieqfa, vetturi N2 u N3 manifatturati fl-1 ta' Ottubru, 2001 jew wara dik id-data.

Ħornijiet.
*Emendat:*
*A.L. 104 ta' l-2004.*

**96.** (1) Kull persuna li tkun qed issuq vettura għandha, meta jkun meħtieġ, tagħti avviż biex turi li ġejja billi ddoqq il-ħorn jew mezz ieħor.

(2) Ebda persuna ma għandha tagħmel, iġġiegħel jew tħalli li jsiru ħsejjes bla bżonn bil-ħorn tal-vettura jew b'xi mezz ieħor ta' twissija.

(3) Kull uffiċjal tal-Pulizija jew gwardjan lokali jista' jipprojbixxi l-użu ta' kull ħorn jew mezz ieħor ta' twissija li jkun

storbjuż jew b'mod ieħor oġġezzjonabbli. Ebda ħorn pnewmatiku (ħlief ħorn ordinarju tal-bużżieqa li jingħafas bl-idejn) u ebda ħorn li jaħdem bil-mutur ma għandu jintuża fuq xi vettura.

(4) Kull uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx taħt il-grad ta' sotto-spettur jew gwardjan lokali jista' jordna li jitneħħa minn kull vettura kull ħorn jew mezz ta' twissija li l-użu tiegħu jkun projbit skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.

(5) Ebda ħorn jew mezz ieħor ta' twissija ma għandu jindaqq f'inħawi abitati bejn il-l l:00 p.m. u s-6.00 a.m.

(6) Id-disposizzjonijiet tas-sub-regolamenti (2), (3), (4) u (5) ma japplikawx għal ebda vettura msemmija fir-regolament 83(1) li tkun fi triqtha b'sejħa urġenti jew f'xi emerġenza oħra.

Dwal obbligatorji. *Emendat: A.L. 414 ta' l-2007.*

**97.** Ħadd ma jista' jġiegħel jew iħalli li tintuża vettura f'ebda triq jew isuq jew jieħu f'idejh vettura biex jużaha bejn inżul u tlugħ ix-xemx sew jekk tkun miexja kemm jekk wieqfa kemm-il darba ma jkollux żewġ fanali fuq quddiem wieħed f'kull ġenb tal-vettura u fanal wara mad-dahar tal-vettura:

Iżda, fil-każ ta' karrella mgħobbija, id-dwal ta' dik il-karrella għandhom ikunu tnejn fuq in-naħa t'isfel ta' wara tal-karrella (wieħed kull naħa tagħha) u tnejn fuq in-naħa ta' fuq ta' wara tat-tagħbija (wieħed kull naħa tagħha).

Il-fanali ta' quddiem għandhom jarmu dawl abjad jew isfar 'il quddiem jew kull dawl ieħor li jkun approvat mill-Awtorità, u l-fanal ta' wara għandu jagħti dawl aħmar għal tul sewwa ta' biċċa triq f'direzzjoni kontrarja.

Qawwa f'*watts.*

**98.** Id-dawl li joħroġ minn dawn il-fanali fil-każ ta' vetturi weqfin ma għandux ikun iżjed qawwi mid-dawl ta' lampa ta' 7 *watts*.

Il-pjanċa ta' wara għandha tkun imdawwla. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**99.** Id-dawl ta' wara għandu, minbarra mil-ħtiġiet tar-regolament 97, ikun magħmul b'mod li minnu jgħaddi, jew b'xi mezz ieħor jixħet, dawl abjad biex kull ċifra ta' fuq il-pjanċa tkun tingħaraf sewwa u ma għandux ikun għola minn metru mill-art. Fil-każ ta' *motor route buses* u vetturi tal-merkanzija, id-dawl ta' wara ma għandux ikun għola minn 1.8 metri mill-art.

Fanali fuq quddiem. *Emendat: A.L. 414 ta' l-2007.*

**100.** Il-vetturi kollha waqt li mexjin għandu jkollhom żewġ fanali fuq quddiem li jixħtu dawl abjad jew isfar jew kull dawl ieħor fuq kull naħa tal-vettura.

Il-fanali ta' quddiem għandhom ikunu magħmulin, imwaħħlin u miżmumin b'mod illi meta jinxtegħlu d-dija tad-dawl li toħroġ minnhom (*a*) tintefa' l-ħin kollu 'l isfel, jew (*b*) jew tkun tista' b'xi mod ieħor mekkaniku titbaxxa jew tintefa' 'l isfel, jew (*ċ*) ikunu b'mod illi d-dawl jista' b'xi mod mekkaniku jiġi mitfi waqt li d-dawl li jagħti għal ġenb jagħti 'l barra tal-fanali ta' quddiem jiġi mnaqqas jew imdawwar lejn ix-xellug. Iżda fil-każ ta' (*ċ*) id-dawl, għal meta l-vettura tkun ipparkjata fuq in-naħa ta' barra l-vettura, għandu jkun jew il-ħin kollu mixgħul jew inkella jinxtegħel meta jintefa' d-dawl tal-fanali ta' quddiem li jagħti 'l barra. Id-dwal tal-fanali ta' quddiem għandhom fil-każijiet kollha

jitbaxxew jew jitnaqqsu b'mod li d-dawl ma jkunx jista' jgħammex kull persuna li tkun għaddejja jew *driver* ta' vettura oħra li tkun riesqa min naħa ta' quddiem.

Id-dija tad-dawl li tinxeħet miż-żewġ fanali ta' quddiem ma għandhiex tasal inqas minn 11-il metru quddiem il-karrozza u għandha titbaxxa kull meta persuna jew vettura oħra tkun riesqa minn naħa ta' quddiem.

Meta vettura bil-mutur tkun qed tinsaq f'inħawi abitati imdawwlin tajjeb, jew fi triq dritta u mdawwla tajjeb, il-fanali tal-ġenb biss għandhom jiġu mixgħula, iżda, meta l-imsemmija vettura tasal viċin ta' liwja fi triq f'inħawi mhux abitati, is-sewwieq ta' dik il-vettura għandu jixgħel id-*dimmed headlamps* jew iteptep dawk id-dwal.

Kif jitwaħħlu l-fanali ta' fuq quddiem.
*Emendat:*
*A.L. 414 ta' l-2007;*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**101.** Iż-żewġ fanali ta' quddiem għandu jkollhom ħġieġ ippannat jew xi materjal ieħor li ma jleqqx u għandhom ikunu hekk imwaħħlin illi ċ-ċentru tal-fanali ikun f'għoli ta' mhux iżjed minn metru mill-art u, ħlief fil-każ ta' fanal użat biss fiċ-ċpar, mhux anqas minn 660 mm. mill-art.

L-Awtorità tista' tippermetti, skond id-diskrezzjoni tagħha, għoli massimu mill-art ta' 1.4 metri fil-każ ta' fanali mwaħħlin fuq trakkijiet, *tractors*, vetturi tqal oħra bħalhom u *motor route buses*.

Iż-żewġ fanali ta' quddiem għandhom ikunu mwaħħlin b'dak il-mod illi ebda parti mill-vettura jew tagħmir tagħha (barra mill-mera tas-sewqan jew kull indikatur tad-direzzjoni meta jkun qed jaħdem) ma toħroġ lateralment għall-istess naħa bħal fanal għal aktar minn 305 mm. iżjed miċ-ċentru tal-fanal, kemm-il darba żewġt idwal oħra bojod li jaqblu għal kollox mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jkunux hekk imwaħħla fuq quddiem tal-vettura.

Fanal wieħed fuq quddiem ta' *motorcycle.*

**102.** Fil-każ ta' *motor cycles*, minbarra d-dawl aħmar fuq wara meħtieġ mill-vetturi l-oħra kollha, għandu jinġarr fanal wieħed li jkollu materjal li ma jleqqx u li jista' jbaxxi jew inaqqas id-dawl b'xi mekkaniżmu awtomatiku. Meta l-*motor cycle* jinsaq b'*side car* għandu jinġarr fanal ieħor fuq in-naħa ta' barra tas-*side car*. Dan ir-regolament għandu jgħodd ukoll għall-inġenji ta' l-invalidi jew vetturi oħra li jaħdmu b'makna li jkollha tliet roti biss.

Dwal ordnati biss.

**103.** Ma humiex permessi dwal oħra ħlief dawk ordnati f'dawn ir-Regolamenti.

Eżenzjoni għal xi vetturi bil-mutur weqfin.

**104.** Il-Kummissarju tal-Pulizija, jekk ikun sodisfatt illi biċċa minn xi triq f'wesgħa ta' art imqiegħda apposta għall-ipparkjar ta' vetturi jew bħala venda għal inġenji bil-bhima, hi mdawla biżżejjed, jista' jawtorizza l-użu ta' dawk il-postijiet għall-ipparkjar jew vendi minn vetturi bla dawl, u ma jkunx hemm għalfejn għal vetturi li jkunu weqfin f'xi post ta' l-ipparkjar li għalih ikun ingħata dak il-permess li jinżammu d-dwal mixgħulin.

Hsejjes.

**105.** Ħadd ma jista' jmexxi jew iħaddem makna ta' vettura b'mod li tagħmel ħsejjes żejda.

*Silencer.*

**106.** Ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk din ma jkollhiex is-*silencer* imwaħħal ma' l-*exhaust pipe* tal-vettura b'mod illi t-

tubu jgħaddi mis-*silencer*, jew isuq vettura li jkollha xi valvola (*cut out*) jew xi mekkaniżmu jew mezz ieħor li jista' jaqta' dan is-*silencer* imwaħħal ma' din il-vettura.

**107.** Ħadd ma għandu jsuq ebda vettura, jew iġiegħel jew jippermetti jew iħalli li tinsaq ebda vettura li tkun fil-pussess jew kontroll tiegħu, meta, għal xi raġuni tkun li tkun, l-*exhaust pipe* ta' dik il-vettura, jew il-konnessjonijiet tiegħu, jarmu duħħan, naqal, xrar, irmied, ġamar jew sustanzi żejtnin.

Ma jsirx tniġġis mill-pajp ta' l-*exhaust.*

**108.** Il-vetturi kollha bil-mutur għandu jkollhom *speedometer*, li għandu jitwaħħal f'post li jkun jidher malajr mid-*driver* u għandu jinżamm dejjem jaħdem tajjeb.

*Speedometers.*

**109.** Il-mekkaniżmu għall-manuvrar tad-direzzjoni jew *steering gear* għandu jkun mibni jew armat b'mod li fl-ikkwartjar tar-roti ma jkunx jista' jeħel u li r-roti bl-ebda mod ma jagħmlu ħsara lil xi biċċa tal-vettura.

*Steering.*

L-apparat tad-direzzjoni għandu jitnaddaf iżda ma għandux jinżebagħ jew jitgħatta l-*plate*.

Il-boċċa u l-qabdiet tal-komunikazzjonijiet tad-direzzjoni, meta dawn jiġu użati, ma għandhomx ikunu mdendlin. Il-għotjien biex ma jidħolx trab imwaħħlin ma' xi qabda jew komunikazzjoni tal-mekkaniżmu tad-direzzjoni għandu jkun li jista' jinqala' malajr biex jiġi spezzjonat.

Meta l-komunikazzjonijiet tad-direzzjoni jkunu mqabbdin bi skorfini jew b'pinnijiet, l-iskorfini jew pinnijiet għandhom ikunu marbutin u mirfudin tajjeb.

Il-komunikazzjonijiet kollha bi skorfini jew pinnijiet għandhom ikunu hekk li meta jkunu f'xi qagħda li ma tkunx orizzontali, ir-ras ta' l-iskorfina jew tal-pinn għandha tkun fin-naħa ta' fuq.

**110.** (1) Ebda persuna ma tista' tuża xi *tyre* mastizz jekk ma jkunx ta' l-għamla *resilient* jew *supercushion*.

*Tyres.*

(2) Ebda persuna ma tista' tuża xi *tyre* li jkun daqshekk mikul illi jista' jagħmel ħsara lit-triq, jagħmel ħsejjes żejda jew jikkaġuna vibrazzjonijiet jew periklu lil ħaddieħor li jkun fit-triq.

(3) Ebda vettura b'*caterpillar tracks* ma għandha tinsaq fuq xi triq iżda għandha tkun mgħobbija fuq vettura oħra sabiex tinġarr.

(4) Ebda persuna ma tista' tuża *tyre* imġannat.

**110A.** (1) Ebda vettura bil-mutur ma tista' tinsaq u ebda persuna ma għandha tħalli li tinsaq vettura bil-mutur fit-triq meta l-ħġieġ ta' dik il-vettura ma jkunx jippermetti dħul ta' dawl għallanqas ta' -

Il-ħġieġa ta' quddiem u twieqi oħra.
*Miżjud: A.L. 3 ta' l-2007. Sostitwit: A.L. 414 ta' l-2007.*

(*a*) 75 fil-mija fir-rigward tal-*windscreen*;

(*b*) 70 fil-mija fir-rigward tal-ħġieġ tal-ġnub ta' quddiem;

(*ċ*) 30 fil-mija fir-rigward tal-ħġieġ tal-ġnub ta' wara;

(*d*) 60 fil-mija fir-rigward tal-ħġieġa ta' wara nett:

Iżda jekk il-vettura jkollha mirja fuq ix-xellug u fuq il-lemin fuq in-naħa ta' quddiem ta' dik il-vettura, l-anqas ammont ta'

dawl li jidħol mill-ħġieġa ta' wara nett jista' jkun anqas minn 60 fil-mija imma mhux anqas minn 30 fil-mija:

Iżda wkoll il-paragrafi (*ċ*) u (*d*) ma jkunux japplikaw fil-każ ta' ħġieġ tal-ġnub ta' wara u tal-ħġieġa ta' wara nett jekk dawn ikollhom fuqhom is-simbolu ta' approvazzjoni V.

(2) Persuna li, għal finijiet ta' saħħa, tkun teħtieġ li l-ħġieġa tal-ġenb ta' quddiem fuq in-naħa tax-xufier ikollha dħul ta' dawl minnha li jkun anqas minn 70 fil-mija iżda mhux anqas minn 55 fil-mija, għandha tapplika għal permess speċjali mingħand l-Awtorità:

Iżda dawk il-kondizzjonijiet mediċi li għalihom tista' tingħata dik l-eżenzjoni minn dawk ir-restrizzjonijiet ikunu dawk marbutin ma' mard ta' sensittività għad-dawl, skond ma jiġi ċertifikat minn speċjalista ta' l-għajnejn jew tal-ġilda.

Għall-fini ta' dan is-subregolament il-mard ta' sensittività għad-dawl imsemmi f'dan is-subregolament hu mard kaġunat meta l-għajn tkun esposta għal radjazzjoni ultravjoletta. Mard li hu assoċjat ma' għajn esposta għad-dawl jinkludi dermatite, vaċċiniforme, *lupus erythematosus*, eruzzjoni ta' dawl *Polimorfea*, *porphyria* u *xeroderma pigmentosum*.

(3) Ma għandu jiġi applikat ebda kulur, film, sustanza jew materjal ieħor mal-*windscreen* ta' vettura bil-mutur.

Ebda ħaġa f'dan is-subregolament ma għandha tiftiehem bħala li tipprojbixxi l-oskurament tal-parti ta' fuq tal-*windscreen* ta' quddiem b'faxx, imqiegħed fuq in-naħa ta' fuq nett tal-*windscreen*, li ma jkunx aktar wiesa' minn 20 fil-mija ta' l-għoli tal-*windscreen* iżda, f'kull każ, mhux aktar għoli minn 100 millimetru, sakemm dak il-faxx ikun jippermetti dħul ta' dawl ta' mhux anqas minn 35 fil-mija.

(4) Kull kulur, film, sustanza jew materjal ieħor li jiġi applikat lil xi ħġieġa, minbarra l-*windscreen*, ta' vettura bil-mutur għandu jkun konformi mal-livelli preskritti fis-subregolament (1).

It-tul u l-wisa' kollu tal-vetturi. *Emendat: A.L. 236 ta' l-2002.*

**111.** (*Revokat bl-Avviż Legali 162 ta' l-2003*).

Għaqda ta' vetturi.

**112.** (*Revokat bl-Avviż Legali 414 ta' l-2007*).

Permes bil-miktub.

**113.** (*Revokat bl-Avviż Legali 414 ta' l-2007*).

*Flap* imwaħħla mar-roti ta' wara. *Sostitwit: A.L. 335 ta' l-2002. Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**114.** Ebda persuna ma tista' tuża fuq it-triq xi *motor route bus*, vettura tal-merkanzija (li l-piż gross tagħha jkun jeċċedi 3,500 kg), *motor tractor* jew *truck* kemm-il darba ma jkollhiex imwaħħla, fuq wara r-roti ta' wara, *flap* ta' dak id-daqs hekk li ebda materjal ma jkun jista' jittajjar minn dik ir-rota fuq vetturi li jkunu mixjin warajha.

Użu ta' telefon ċellulari u apparat ieħor. *Sostitwit: A.L. 3 ta' l-2007.*

**115.** (1) Ebda persuna ma għandha ssuq vettura bil-mutur waqt li dik il-persuna jkollha jew tkun qiegħda tuża ma' widnejha t-tnejn *earphones* jew *headphones* jew xi mezz ieħor li jista' jfixkilha jew x'aktarx ifixkilha milli tisma' sew.

(2) Ebda persuna ma għandha ssuq vettura bil-mutur fit-triq

jekk dik il-persuna tkun qiegħda żżomm u, jew tuża b'idejha telefon ċellulari jew xi apparat simili ieħor li jinżamm fl-idejn, minbarra apparat li ma jinżammx fl-idejn jew radju *two-way*, filwaqt li l-vettura tkun miexja.

**116.** Ebda xufier ma għandu jħaddem, jew iġiegħel jew jippermetti li jitħaddem xi radju, *tape recorder*, *record player* jew xi apparat bħal dawk fuq jew f'xi vettura bil-mutur b'mod li jista' jfixkel jew x'aktarx ifixkel lix-xufier milli jisma' sew, jew li jista' jdejjaq lil passiġġieri f'dik il-vettura jew lil persuni oħra f'xi post abitat.

Hsejjes elettroniċi. *Sostitwit: A.L. 3 ta' l-2007.*

**116A.** (1) Vetturi bil-mutur N1 u N3 li ġew reġistrati ma' l-Awtorità fl-1 ta' Jannar 2000 jew wara dik id-data u li ma humiex tat-tip approvat jew li ma humiex approvati bħala vettura unika għandhom, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2009, ikunu mgħammra, fuq in-naħa tal-passiġġier, b'mirja ta' angolu wiesa' u ta' viċinanza li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-mirja tal-klassi IV u tal-klassi V skond id-Direttiva 2003/97/KE rispettivament:

Twaħħil ta' mirja fuq vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija. *Miżjud: A.L. 414 ta' l-2007.*

Iżda vetturi N2 b'piż massimu totali permissibbli ta' 7.5 tunnellati jkunu eżenti mid-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament fejn jirriżulta li jkun impossibbli li tiġi istallata mera tal-klassi V b'mod li jiġi żgurat li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ebda parti mill-mera ma tkun inqas minn 2m (tista' tiġi applikata tolleranza ta' + 10ċm) mill-art, irrispettivament mill-pożizzjoni ta' l-aġġustament, meta l-vettura jkollha tagħbija li tkun tikkorrispondi għall-piż massimu teknikament permissibbli għaliha; u

(ii) il-mera tkun għal kollox viżibbli mill-pożizzjoni tas-sewqan.

(2) Vetturi N2 u N3 reġistrati ma' l-Awtorità fl-1 ta' Jannar, 2000, jew wara dik id-data li jkunu diġà mgħammra, fuq in-naħa tal-passiġġier, b'mirja ta' angolu wiesa' u ta' viċinanza, fejn it-taħlita tal-meded ta' viżjoni tkun tkopri mhux anqas minn 90% tal-medda ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mera tal-klassi V u mhux anqas minn 85 fil-mija tal-medda ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mera tal-klassi V skond id-Direttiva 2003/97/KE għandhom ikunu kunsidrati li huma konformi mas-subregolament (1).

(3) Il-vetturi msemmija f'dan ir-regolament li, minħabba nuqqas ta' soluzzjonijiet tekniċi disponibbli u ekonomikament vijabbli, ma jistgħux jiġu mgħammra b'mirja li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fis-suregolamenti (1) u (2), jistgħu jiġu mgħammra b'mirja supplimentari u, jew tagħmir ieħor ta' viżjoni indiretta, kemm-il darba t-taħlita ta' tali tagħmir tkun tkopri mhux anqas minn 95% tal-medda ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mirja tal-klassi IV, u mhux anqas minn 85% tal-medda ta' viżjoni fil-livell ta' l-art ta' mirja tal-klassi V skond id-Direttiva 2003/97/KE.

TAQSIMA VI

## Disposizzjonijiet Ġenerali dwar Vetturi

Imġieba perikoluża.

**117.** Waqt li vettura tkun qed titmexxa, ebda persuna ma tista' tinżel, titla', jew tiddendel magħha jew iġġib ruħha b'mod ieħor li jista' jikkawża perikolu jew biża lilha nfisha jew lil ħaddieħor.

Ebda *driver* jew konduttur ta' vettura ma għandu jippermetti xi waħda mill-ħwejjeġ projbiti fil-paragrafu ta' qabel ta' dan ir-regolament.

Bnadar.

**118.** Ħadd ma għandu jqiegħed bandiera fuq xi vettura mingħajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Importaturi u bejjiegħa. *Emendat: A.L. 104 ta' l-2004.*

**119.** L-importaturi u l-bejjiegħa ta' vetturi għandhom iżommu reġistru fejn għandu jitniżżel bil-linka kull bejgħ, xiri jew kunsinna li ssir, flimkien mad-dettalji kollha dwar il-vetturi, l-ismijiet u indirizzi tax-xerrejja, bejjiegħa jew nies li jirċievu l-vettura, u għandhom, fi żmien sebat ijiem, igħarrfu bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kull negozju li jsir minnhom. Ir-reġistri għandhom ikunu nnumerati u ppreżentati lil kull uffiċjal tal-Pulizija ta' mhux inqas mill-grad ta' spettur jew gwardjan lokali meta dan jitlob li jarahom:

Iżda fil-każ ta' vetturi tat-trasport pubbliku t-tagħrif imsemmi għandu jingħata lill-Awtorità u s-setgħa ta' l-ispezzjoni għandha tiġi eżerċitata mill-uffiċjali ta' dik l-Awtorità.

L-ispezzjonijiet. *Sostitwit: A.L. 125 ta' l-1998. Emendat: A.L. 414 ta' l-2007.*

**120.** Għandu jsir eżami tal-vetturi kollha, f'dawk l-intervalli u frekwenzi li jiġu preskritti, minn dawk l-eżaminaturi u f'dawk id-dati u postijiet kif ordnati mill-Awtorità, li jkollu wkoll id-dritt illi jordna l-eżami mill-ġdid ta' dawk il-vetturi kif jidhirlu xieraq.

Kull sid li jonqos milli jkollu il-vettura tiegħu eżaminata jew eżaminata mill-ġdid kif intqal qabel ikollu l-liċenza ta' dik il-vettura sospiża, sa dak iż-żmien li dik il-vettura tiġi eżaminata u ċertifikata tajba għat-triq.

Vettura li jkollha makna tad-*diesel*. *Emendat: A.L. 414 ta' l-2007.*

**121.** (1) Kull vettura, li ma tkunx karozza privata, li jkollha makna tad-*diesel* għandu jkollha l-pompa tal-*fuel injector* tal-makna issiġillata mill-eżaminatur meta tinġieb dik il-vettura għall-eżami u tinstab tajba.

(2) L-Awtorità tista' tordna li d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) jiġu applikati għal karrozza privata.

(3) L-Awtorità tista' tawtorizza, meta jkun hekk meħtieġ għall-iskop ta' tiswijiet jew għal xi raġuni oħra tajba, jew jawtorizza li jinkiser kull siġill magħmul skond s-sub-regolamenti ta' qabel ta' dan ir-regolament.

Postijiet għall-ipparkjar għal vetturi. *Emendat: A.L. 93 ta' l-2003.*

**122.** L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandu jkollha s-setgħa li tiffissa postijiet ta' parkeġġ u n-numru u x-xorta ta' vetturi bil-mutur li jistgħu jużaw l-istess post.

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għandu jkollha s-setgħa li tgħarraf liema huma l-postijiet ta' parkeġġ u t-toroq fejn ma jistax isir parkjar, billi jwaħħal tabelli f'dawn il-postijiet.

L-Awtorità tista' tirriżerva vendi għal *taxi stands*. Kull venda riżervata għandha tiġi murija b'tabella xierqa li turi n-numri ta' *taxi cars* li jistgħu jkunu esposti għall-kiri. Ebda vettura barra minn *taxi cars* ma tista' tipparkja ġo venda hekk riżervata.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista', għal okkażjoni jew funzjoni speċjali, jirriżerva postijiet għall-ipparkjar, jew spazju f'postijiet ta' l-ipparkjar, għall-awtoritajiet, persuni jew gruppi partikolari: iżda l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista' tipprovdi għal postijiet ta' parkeġġ kontinwu.

Rkib ta' passiġġieri u lbies ta' elmu. *Emendat: A.L. 3 ta' l-2007; A.L. 414 ta' l-2007.*

**123.** (1) Mhux permess li fuq *motor-cycle* tinġarr iżjed minn persuna waħda, barra s-sewwieq, u lanqas ma hu permess li din il-persuna tinġarr xort'oħra ħlief billi toqgħod bil-qiegħda b'sieq f'kull ġenb tal-*motor-cycle* u fuq sedil tajjeb imwaħħal sewwa mal-*motor-cycle* wara s-sedil tas-sewwieq.

(2) Ebda persuna ma tista' ssuq jew tinġarr fuq xi *motor-cycle* jew *quad bikes* kemm-il darba din ma tkunx dak il-ħin liebsa *crash helmet*.

(3) Għall-finijiet tas-sub-regolament (2) ta' dan ir-regolament l-espressjoni "*motor-cycle*" tfisser kull vettura bil-mutur b'żewġ roti u tinkludi *motor cycle* b'*side-car* miegħu.

Ordnijiet tal-Pulizija jew gwardjani lokali.

**124.** (1) Kull min isuq jew ikollu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur għandu f'kull waqt jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali għalbiex jitmexxa t-traffiku jew għal kull raġuni oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom.

(2) Ikun ħati ta' kontravvenzjoni min jagħti ħażin lil xi uffiċjal tal-Pulizija jew gwardjan lokali filwaqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiethom, ismu, kunjomu, n-numru tal-karta ta' l-identità, l-indirizz jew xi partikolaritajiet oħra, jew xi dokument li jista' jkun meħtieġ skond il-liġi.

Sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi. *Emendat: A.L. 91 ta' l-2001; A.L. 414 ta' l-2007.*

**125.** (1) L-Awtorità tista' tqiegħed jew tawtorizza li jitqiegħdu sinjali ta' dawl, awtomatiċi jew manwali, fiċ-ċentru ta' xi salib it-toroq jew f'għaqda ta' toroq, jew mal-ġenb ta' xi triq, sabiex jiġi regolat it-traffiku ta' vetturi.

(2) Wieħed minn dawk is-sinjali jkun jikkonsisti fi tliet lampi ta' sinjali eretti vertikalment li jitfgħu, meta jkunu jaħdmu, dawl aħmar, dawl aħdar u dawl ambra rispettivament li jfissru:

(*a*) is-sinjal aħmar ifisser il-projbizzjoni li t-traffiku ta' vetturi ma għandux ikompli miexi 'l hemm mil-linja ta' li turi fejn għandu jieqaf fuq il-karreġġata jew, jekk ma jkunx hemm linja li turi fejn għandu jieqaf, lill-hemm mis-sinjali fejn dawn ikunu mqegħda fuq il-ġenb tat-triq; meta s-sinjali ta' dawl ikunu fiċ-ċentru ta' salib it-toroq jew f'għaqda ta' toroq, u ma jkunx hemm linja li turi fejn għandu jieqaf fuq il-karreġġata, is-sinjal aħmar ifisser li traffiku ta' vetturi ma għandux joħroġ 'il barra fuq salib it-toroq jew għaqda ta' toroq;

(*b*) is-sinjal aħdar ifisser indikazzjoni li t-traffiku tal-

vetturi jista' jkompli miexi dritt, jew idur għax-xellug jew għal-lemin;

(*ċ*) is-sinjal ambra jfisser li ser ikun hemm bidla immedjata mis-sinjal aħdar għas-sinjal aħmar u jfisser l-istess projbizzjoni bħas-sinjal aħmar:

Iżda jekk, meta dan is-sinjal ambra jidher l-ewwel, il-vettura tkun tant viċina tal-linja jew tas-sinjali jew ta' salib it-toroq jew għaqda ta' toroq, skond il-każ, li ma tkunx tista' tiġi mwaqqfa b'sigurezza skond is-sub-regolament (2)(*a*), dik il-projbizzjoni ma tapplikax:

Iżda wkoll meta jkun qed jaħdem dawl ambra jixgħel u jitfi, dak is-sinjal ifisser illi t-traffiku ta' vetturi għandu jkompli miexi b'kawtela minħabba salib it-toroq jew għaqda ta' toroq jew minħabba li jkun hemm passaġġ għan-nies bil-pass.

(3) Meta s-sinjal jikkonsisti fi tliet lampi ta' sinjali f'għamla trijangolari li jitfgħu, meta jkunu jaħdmu, żewġ sinjali ta' dawl aħmar jixgħel u jitfi u dawl ambra rispettivament, dawk is-sinjali jfissru dan li ġej:

(*a*) is-sinjali ħomor jixgħelu u jitfu jfissru l-projbizzjoni li t-traffiku ta' vetturi ma għandux ikompli miexi 'l hemm mil-linja ta' waqfien fuq karreġġata;

(*b*) is-sinjal ambra jfisser il-projbizzjoni li t-traffiku ta' vetturi ma għandux ikompli miexi 'l hemm mil-linja ta' waqfien fuq karreġġata, ħlief għal vettura li tkun tant viċina tal-linja ta' waqfien li ma tkunx tista' tiġi mwaqqfa b'sigurezza mingħajr ma tkompli sejra 'l hinn mil-linja ta' waqfien.

(4) It-traffiku tal-vetturi li jkun miexi skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament għandu jibqa' miexi wara li jieħu kont xieraq tas-sigurezza ta' l-oħrajn li jkunu jużaw it-triq u salv l-ordni tal-Pulizija jew ta' persuna oħra awtorizzata li tista' tkun imqabbda biex tirregola t-traffiku.

Responsabbiltà tas-sid.

**126.** Is-sid jew id-*driver* huwa responsabbli illi l-vettura tiegħu tinżamm nadifa u fi stat tajjeb ta' tiswija.

Limiti ta' veloċità. *Emendat: A.L. 58 ta' l-2002; A.L. 104 ta' l-2004; A.L. 414 ta' l-2007.*

**127.** (1) Ebda vettura bil-mutur ma għandha teċċedi l-limitu ta' veloċità kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:

| | **L-ikbar veloċità f'kilometri fis-siegħa** | |
|---|---|---|
| Klassi ta' vettura | Fl-ibliet u fl-irħula | Barra l-ibliet u l-irħula |
| (A) **Armati b'*tyres* pnewmatiċi** | | |
| *Taxicars* ................................. | 50 | 80 |
| Il-vetturi bil-mutur għall-kiri .... | 50 | 80 |
| Il-vetturi bil-mutur *self-drive* .... | 50 | 80 |
| *Private cars* ............................. | 50 | 80 |

| | | |
|---|---|---|
| *Motor cycles* ............................ | 50 | 80 |
| *Motor cycles* għall-kiri ............ | 50 | 80 |
| Il-karrozzi tal-mejtin bil-mutur . | 50 | 80 |
| L-inġenji ta' l-invalidi.............. | 50 | 80 |
| *Minibuses* ................................ | 40 | 60 |
| *Motor route buses* ................... | 40 | 60 |
| Il-vetturi tal-merkanzija sa 3 tunnellati metriċi ................. | 40 | 60 |
| Il-vetturi tal-merkanzija ta' iktar minn 3 tunnellati metriċi ...... | 30 | 40 |
| Il-vetturi industrijali u agrikoli . | 20 | 30 |
| Il-vetturi ta' l-irmunkar ........... | 20 | 30 |
| L-ambulanzi ............................ | Ebda limitu | Ebda limitu |
| Il-karrozzi għat-tifi tan-nar ....... | Ebda limitu | Ebda limitu |
| Il-vetturi tal-Pulizija, Forzi Armati u Dwana f'każijiet ta' emerġenza jew prijorità ........ | Ebda limitu | Ebda limitu |

(B) **Armati b'*tyres* solidi**

| | | |
|---|---|---|
| Il-vetturi kollha ....................... | 15 | 20 |

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista' tippreskrivi dwar kull triq jew area partikolari limitu ta' veloċità inqas minn dak speċifikat fis-subregolament (1):

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal xi vettura li tkun qegħda tieħu sehem f'avveniment sportiv li jkun qed isir bil-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija fi triq pubblika li f'dak il-ħin tkun magħluqa għall-pubbliku għal dak l-avveniment sportiv.

(3) Ritratti fotografiċi, *films*, reġistrazzjonijiet *video*, xbihat elettroniċi jew kull tip ta' reġistrazzjoni oħra li ssir permezz ta' xi apparat ta' sorveljar ta' veloċità preskritt, inkluża kull reġistrazzjoni ta' xi tikjil li jkun sar mill-apparat, għandhom ikunu aċċettati bi prova u għandhom jikkostitwixxu prova tal-kontenut tagħhom jekk dawn ikollhom mehmuż magħhom ċertifikat iffirmat minn uffiċjal tal-pulizija jew gwardjan lokali (fl-istess dokument jew f'xi dokument ieħor) dwar iċ-ċirkostanzi tal-jum, ħin u post meta r-ritratt fotografiku, *film*, reġistrazzjoni *video*, xbieha elettronika jew kull tip ta' reġistrazzjoni oħra jkunu ġew prodotti.

(4) Kull apparat imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun apparat preskritt b'ordni tal-Ministru responsabbli ghat-Trasport u f'dik l-ordni jistgħu jiġu stipulati l-kondizzjonijiet dwar il-finijiet li għalihom, u l-mod kif u ċ-ċirkostanzi l-oħra li fihom, l-apparat għandu jintuża.

(5) Dokument intiż li jkun dokument, reġistrazzjoni jew ċertifikat iffirmat tax-xorta msemmija fis-subregolament (1) għandu jitqies bħala tali dokument, reġistrazzjoni jew ċertifikat

iffirmat kif hawn aktar qabel imsemmi kemm-il darba ma jiġix ippruvat xort'oħra.

(6) Is-sid tal-vettura li tiġi identifikata f'xi dokument, reġistrazzjoni jew ċertifikat iffirmat imsemmi fis-subregolament (1) ikun responsabbli għal kull reat li jkun hemm prova dwaru fl-istess dokument, reġistrazzjoni jew ċertifikat iffirmat kemm-il darba ma jirriżultax li s-sewwieq tal-vettura fil-waqt tar-reat ma jkunx ġie mwaqqaf u identifikat mill-pulizija minnufih wara li jkun sar ir-reat.

(7) Xbieha reġistrata b'xi mezz minn dawk imsemmija fis-subregolament (3) tista' tiġi kkonvertita minn format wieħed għall-ieħor, trasmessa, maħżuna jew riprodotta b'mezz elettroniku jew b'kull mezz ieħor li jkun jippermetti x-xbieha reġistrata tiġi riprodotta f'forma intelliġibbli inkluża waħda, bla ebda limitazzjoni, elettronika.

(8) Meta xbieha reġistrata tkun ġiet maħżuna f'format elettroniku kif provdut fis-subregolament (7), ix-xbieha reġistrata tista' tiġi riprodotta f'format ta' karta li jkollu l-istess effett għall-finijiet kollha bħallikieku kien dokument oriġinali jekk ir-riproduzzjoni tiġi ċertifikata bħala tali fiċ-ċertifikat imsemmi fis-subregolament (3).

(9) Apparat preskritt taħt is-subregolament (3) għandu jitqies bħala li kien qed jiffunzjona b'mod preċiż u korrett f'kull rigward fil-waqt li xi dokument jew reġistrazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu tkun ġiet prodotta minnha kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

(10) Min jiġi prodott kontrih ċertifikat taħt is-subregolament (3) jista' jitlob l-attendenza ta' l-uffiċjal tal-pulizija jew gwardjan lokali li jkun magħruf li ffirma ċ-ċertifikat għall-fini ta' kontro-eżami.

(11) Għall-finijiet tas-subregolamenti (3) sa (6), ''apparat ta' sorveljar ta' veloċità'' tfisser dak l-apparat preskritt taħt is-subregolament (3) li jkun jista' jiffotografa jew jaqbad ix-xbieha ta' vettura bil-mutur filwaqt li jkun qiegħed fl-istess ħin ikejjel u jirreġistra l-veloċità tagħha.

Trasport ta' tfal ta' l-iskola.
*Sostitwit:*
*A.L. 3 ta' l-2007.*

**128.** (*Revokat bl-Avviż Legali 158 ta' l-2009*).

TAQSIMA VII

*Sostitwit:*
*A.L. 85 ta' l-1999;*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

## Vetturi bil-Mutur għall-Kiri, Vetturi bil-Mutur *Self-Drive* u *Motor Route Buses* għat-Trasport Pubbliku

Liċenza għall-kiri.
*Emendat:*
*A.L. 85 ta' l-1999.*
*Sostitwit:*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**129.** (1) L-Awtorità tista' tirrifjuta li tagħti jew iġġedded liċenza għal *motor route bus* jekk jidhrilha li hemm ħafna liċenzi jew li l-għoti jew it-tiġdid ta' dik il-liċenza jippreġudika l-interess pubbliku jew il-konvenzjenza pubblika. Dik il-vettura bil-mutur għandha mbagħad tiġi liċenzjata bħala vettura bil-mutur privata mill-Awtorità.

(2) F'kull każ l-ebda vettura bil-mutur m'għandha tiġi liċenzjata bħala *motor route bus*, kemm-il darba din ma tkunx

konformi mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, speċjalment id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima V marbuta mat-Tagħmir ta' Vetturi.

Sigurtà ta' vetturi għall-kiri, eċċ. *Sostitwit: A.L. 85 ta' l-1999. Emendat: A.L. 386 ta' l-2004; A.L. 414 ta' l-2007.*

**130.** (1) Kull vettura bil-mutur għall-kiri, vettura *self-drive* jew *motor minibus* għat-trasport pubbliku għandha tkun tajba u żgura f'kull ħaġa biex iġġorr il-passiġġieri.

(2) Vettura għall-kiri jew *motor minibus* għat-trasport pubbliku għandha ġġorr fuqha *fire extinguisher*, *security hammer* u *security triangle* kif ukoll, fir-rigward ta' *public service garage van* u *motor minibus* għat-trasport pubbliku, *first-aid kit*.

(3) Vettura għall-kiri li hi *public service garage van* u li tkun liċenzjata u/jew reġistrata biex iġġorr bejn tmien u għaxar passiġġieri, irid ikollha *seat belt* għal kull passiġġier.

(4) Kull *motor minibus* għat-trasport pubbliku mibnija wara l-1 ta' Jannar, 1998 irid ikollha *seat belt* għal kull passiġġier.

(5) Vettura għall-kiri li hi *public service garage van* għandu jkollha mwaħħla mal-ħġieġa tal-bieb tal-lemin ta' quddiem *self adhesive sticker* ta' material trasparenti, li tkun tindika dan it-tagħrif li ġej:

*In-Numru ta' Reġistrazzjoni* .............................................

*Is-sid reġistrat* .................................................................

*L-għadd ta' passiġġieri li tista' ġġorr fuqha* ......................

*Sinjal biex ma jsirx tipjip - Jekk jogħġbok, tpejjipx.*

(6) *Motor minibuses* għat-trasport pubbliku għandu jkollhom miktub bl-abjad fuq kull wieħed mill-bibien ta' quddiem il-kliem li ġej:

*Vettura għat-Trasport Pubbliku* .........................................

*Numru ta' Reġistrazzjoni* ..................................................

*Għadd ta' passiġġieri li tista' ġġorr* ................................ .

(7) Ikun reat li persuna tikri lil xi persuna oħra vettura bil-mutur bil-għan li dik il-vettura tiġi misjuqa minn min jikriha jew minn persuna oħra għal kirja fil-qasir, kemm-il darba dik il-vettura bil-mutur ma tkunx reġistrata ma' l-Awtorità bħala vettura bil-mutur *self-drive* u ma jkollhiex fuqha marka ta' reġistrazzjoni fejn l-ittra K tkun it-tielet ittra.

Għall-fini ta' dan is-subregolament, il-kliem "għal kirja fil-qasir" ifissru perijodu li ma jkunx jista' jiġi mġedded u li b'kollox ma jaqbiżx id-disgħin ġurnata.

Il-liċenza u t-*tag* tax-xufier.
*Emendat:*
*A.L. 149 ta' l-1995;*
*A.L. 85 ta' l-1999.*
*Sostitwit:*
*A.L. 44 ta' l-2006.*
*Emendat:*
*A.L. 408 ta' l-2007;*
*A.L. 158 ta' l-2009.*
L.S. 65.18

**131.** (1) Ebda persuna ma għandha ssuq vettura tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens jekk dik il-persuna ma jkollhiex liċenza tas-sewqan adatta kif provdut fir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, u *tag* ta' identità maħruġa lilha mill-Awtorità.

(2) Xufier li jkun irid jikseb *tag* ta' identità għandu jagħmel applikazzjoni għand l-Awtorità billi jimla l-formola preskritta.

(3) L-imsemmija *tag* ta' identità tinħareġ biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li -

(*a*) ikollu l-liċenza tas-sewqan adatta,

(*b*) fil-fehma ta' l-Awtorità jkollu kondotta tajba,

(*ċ*) jattendi b'mod regolari kors ta' tagħlim approvat mill-Awtorità u jgħaddi mill-eżami fi tmiem l-imsemmi kors, u

(*d*) fir-rigward ta' xufier ta' *taxi*, wara li jaċċetta li jimxi ma', u jiffirma, Kodiċi ta' Kondotta mfassal mill-Awtorità.

(4) Sakemm ma jiġux ordnati kondizzjonijiet li jinvolvu obbligi aktar onerużi permezz ta' regolamenti oħra, għall fini ta' dan ir-regolament, persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:

(*a*) tkun instabet ħatja, matul l-aħħar ħames snin, ta' reat li jista' jeħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar minn tliet xhur jew multa ta' mill-anqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87),

(*b*) tkun instabet ħatja, matul l-aħħar sentejn, ta' reat relatat mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali. L-applikanti għal *tag* ta' identità għandhom, għalhekk, jippreżentaw lill-Awtorità ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija.

(5) L-Awtorità tista' tirtira *tag* ta' identità jekk id-detentur ma jibqax jissodisfa aktar ir-rekwiżit ta' kondotta tajba.

(6) L-Awtorità tista' tissospendi *tag* ta' identità sakemm tingħata sentenza finali mill-Qorti fejn id-detentur jiġi akkużat b'reat kriminali li jista' jeħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar minn tliet xhur jew multa ta' mill-anqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).

L.S. 332.13

(7) Ix-xufier ta' vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'kera jew kumpens, barra minn vettura regolata bir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri, għandu, waqt li jkun fuq xogħol, jilbes it-*tag* ta' identità f'post li tidher sew fuq is-sider.

(8) Ebda xufier ma jista' juża *tag* ta' identità ħlief dik lilu mogħtija mill-Awtorità u dik it-*tag* ta' identifikazzjoni ma tistax tingħadda minn xufier għall-ieħor.

L.S. 332.13

(9) Xufier ta' vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'kera jew b'kumpens, barra minn vettura regolata bir-Regolamenti dwar is-

Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri, għandu jilbes, waqt li jkun fuq xogħol, l-uniformi li jkollha disinn u kulur li jiġu approvati mill-Awtorità.

**132.** Il-vetturi għall-kiri, vetturi *self-drive* kollha, kif ukoll il-*motor cycles* għall-kiri għandhom ikunu eżaminati kull sena u fi żminijiet oħra kif hemm maħsub fir-regolament 120.

Eżamijiet. *Emendat: A.L. 85 ta' l-1999; A.L. 158 ta' l-2009.*

**133.** Is-sid jew min iżomm *garage* pubbliku għandu jkollu reġistru li fih jidhru xi partikolaritajiet tal-kiri tal-vetturi tiegħu skond ir-regolament 62.

Reġistrazzjoni tal-kirjiet. *Emendat: A.L. 85 ta' l-1999.*

**134.** (*a*) Ebda passiġġier ma għandu jirrifjuta li jħallas in-nol tiegħu lix-xufier ta' vettura għall-kiri meta jitlesta t-traġitt, jew meta jkun mitlub.

Disposizzjonijiet ġenerali. *Emendat: A.L. 85 ta' l-1999.*

(*b*) Id-*driver* ta' kull vettura għall-kiri għandu jkollu fuqu kopja tat-Tariffa tan-Nolijiet uffiċjali u ta' dawn ir-Regolamenti. Huwa għandu jurihom kull meta jkun mitlub mill-Pulizija jew minn kull uffiċjal ta' l-Awtorità jew minn xi passiġġier.

(*ċ*) Kull vettura għall-kiri u vettura *self-drive* għandha tinżamm dejjem nadifa, taħdem tajjeb u fi stat tajjeb ta' tiswija.

(*d*) Ebda vettura għall-kiri jew vettura *self-drive* ma għandha ġġorr petrol jew likwidu jew materjal ieħor li jista' jieħu n-nar ħlief fit-tank tal-vettura.

(*e*) Ebda passiġġier u/jew xufier ma jista' jpejjep waqt li jkun f'vettura għall-kiri li hi *public service garage van*.

(*f*) Kull vettura għall-kiri li hi *public service garage van* għandu jkollha f'post prominenti fuq ġewwa tal-vettura u li jarawh sew il-passiġġieri kollha, sinjal li ma jistax isir tipjip.

(*g*) Id-disposizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament japplikaw ukoll għar-rigward ta' *motor minibuses* għat-trasport pubbliku.

**135.** Id-detentur ta' liċenza ta' vettura *self-drive* għandu jara li ebda vettura ma tinkera jekk ma jkollhiex muri f'post fejn tidher sewwa ġol-vettura kopja tat-Tariffa tan-Nolijiet.

It-tariffa tan-nolijiet. *Emendat: A.L. 85 ta' l-1999.*

## TAQSIMA VIII

### Il-Vetturi tal-Merkanzija

*(Din it-Taqsima - ir-regolamenti 136 sa 143 - ġiet revokata bl-Avviż Legali 146 ta' l-2003).*

TAQSIMA IX

*Sostitwit: A.L. 158 ta' l-2009.*

## *Motor Route Buses*: Liċenzi u Rotot

Kundizzjonijiet ta' servizz. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**144.** Il-liċenzi għall-*motor route bus*es jingħataw bil-kondizzjoni illi s-servizz fuq il-linja tagħhom hu obbligatorju kemm għall-frekwenza tat-tluq mill-vendi u kif ukoll għan-numru ta' sigħat iffissati mill-Awtorità.

Klassifika ta' *motor route buses*. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**145.** L-Awtorità tista' tikklassifika *motor route buses* skond is-servizzi, il-faċilitajiet u l-amenitajiet oħra li jkollhom.

Setgħa li jiġu stabbiliti l-linji. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**146.** L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-linji li fuqhom għandhom jaħdmu *motor route buses* u għandha tħejji, jew tieħu ħsieb li jitħejja (suġġett għall-approvazzjoni tagħha) *roster* tal-*motor route buses* biex jagħtu s-servizz skedat tagħhom fuq kull linja partikolari.

Xogħol skond *roster*. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**147.** Is-sid ta' kull *motor route bus* għandu jieħu ħsieb li l-vettura tiegħu taħdem fuq kull linja skond ir-*roster* imħejji jew approvat, skond il-każ, skond ir-regolament 146.

Is-servizz *scheduled* qabel kollox. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**148.** F'kull ġurnata li matulha *motor route bus* tkun meħtieġa li tagħmel servizz skedat, is-sid ta' dik il-*motor route bus* ma għandux iġiegħel, iħalli jew jippermetti li dik il-*motor route bus* tkun fuq it-triq għal xi servizz jew xogħol, ikun li jkun, ħlief għas-servizz skedat.

TAQSIMA X

*Sostitwit: A.L. 158 ta' l-2009.*

## Kondutturi u Sewwieqa ta' *Motor Route Buses*

*Tags* ta' identità għax-xufiera u kondutturi. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**149.** Ix-xufier u l-konduttur ta' *motor route bus* għandhom jilbsu *tag* ta' identità, preskritta mill-Awtorità, fejn tidher fuq ix-xelluq fuq sidirhom.

*Tags* mhux trasferibbli. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**150.** Ebda xufier jew konduttur ta' xi *motor route bus* ma jista' juża *tag* ta' identità ħlief dik lilu mogħtija mill-imsemmija Awtorità u dik it-*tag* ta' identità ma tistax tinbidel minn xufier għall-ieħor.

*Tags* ta' identità għal spetturi. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**151.** L-ispetturi tal-biljetti u l-impjegati ta' l-uffiċċju ċentrali għal servizzi skedati għandhom ukoll jilbsu *tag* ta' identità li tiġi preskritta mill-Awtorità fejn tidher fuq ix-xellug fuq sidirhom. Ebda spettur tal-biljetti jew impjegat ta' l-imsemmi uffiċċju ċentrali ma jista' juża *tag* ta' identità ħlief dik lilu mogħtija mill-Awtorità.

Ritorn ta' *tags* ma' kull skadenza.

**152.** It-*tags* ta' identità għandhom jingħataw lura lill-Awtorità malli l-liċenza tad-detentur tagħlaq jew tiġi sospiża.

**153.** Fuq kull *motor route bus* li tkun taħdem għall-passiġġieri għandu jkun hemm konduttur bil-liċenza.

Htieġa ta' konduttur.
*Emendat:*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**154.** Ebda xufier, konduttur jew spettur tal-biljetti ta' xi *motor route bus* u ebda *despatcher* ma jista' jpejjep waqt li jkun f'xi vettura.

Diskors bla bżonn u tipjip.
*Emendat:*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

Ebda xufier, konduttur jew spettur tal-biljetti ta' xi *motor route bus* u ebda *despatcher* ma jista' joqgħod jitħaddet bla bżonn f'xi *motor route bus* fil-waqt li din tkun qed taħdem bejn venda u oħra.

Il-konduttur ma għandux joqgħod ma' ġenb ix-xufier fuq *motor route bus* li għandha daħla waħda biss min-naħa ta' wara fil-waqt li l-*motor route bus* tkun qed tittrasporta l-passiġġieri.

Il-konduttur għandu joqgħod ħdejn id-daħla tal-*motor route bus* meta tieqaf fi *stage* biex itella' jew iniżżel il-passiġġieri.

Il-konduttur kif ukoll ix-xufier huma obbligati li jaraw illi l-passiġġieri kollha jkunu ħadu posthom fil-*motor route bus* qabel din tibda miexja.

**155.** Ix-xufier ta' *motor route bus* għandu jkollu kopja ta' dawn ir-Regolamenti u għandu juriha kull meta jiġi mitlub mill-Pulizija jew minn kull uffiċjal ta' l-Awtorità jew minn xi passiġġier.

Ix-xufier għandu juri ir-regolamenti.
*Emendat:*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**156.** Il-konduttur u x-xufier jew is-sid ta' *motor route bus* ikunu responsabbli għall-indafa tal-vettura meta din tintuża u għall-osservanza tad-disposizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu f'dawn ir-regolamenti.

Responsabbiltà tas-sid u tal-konduttur.
*Emendat:*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**157.** Ix-xufier ta' *motor route bus* ikun responsabbli għall-manutenzjoni u s-sewqan tal-vettura u għall-osservanza tad-disposizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ta' dawn ir-regolamenti.

Responsabbiltà tax-xufier.
*Emendat:*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**158.** (1) Ix-xufier u l-konduttur ta' *motor route bus* għandhom jilbsu, waqt ix-xogħol, l-uniformi ta' xufier jew ta' konduttur, skond il-każ, skond il-mudell u l-kulur, u bi jew mingħajr marki distintivi, skond l-uniformi kampjun relattiva esebita fl-uffiċini ta' l-Awtorità f'Malta u/jew Għawdex, u/jew f'dak il-lok li jiġi stabbilit mill-Awtorità.

Uniformijiet.
*Emendat:*
*A.L. 85 ta' l-1999;*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

(2) L-uniformi tax-xitwa għandha tintlibes mill-1 ta' Ottubru ta' kull sena sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara u l-uniformi tas-sajf għandha tintlibes mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru ta' kull sena:

Iżda l-Awtorità tista' tawtorizza dati oħra.

(3) L-ispetturi tal-biljetti għandhom jilbsu, waqt ix-xogħol, berritta sewda bil-pizz u l-uniformi skond il-mudell u l-kulur, u bil jew mingħajr marki distintivi, kif tapprova l-Awtorità.

(4) Ix-xufiera, il-kondutturi u l-ispetturi tal-biljetti għandhom jilbsu l-uniformi b'mod xieraq u għandhom iżommuha nadifa u fi stat tajjeb.

TAQSIMA XI

*Sostitwit: A.L. 158 ta' l-2009.*

**Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar *Motor Route Buses***

Reklami. *Sostitwit: A.L. 3 ta' l-2007. Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**159.** (1) Ebda reklam, kliem jew materjal ieħor stampat ma għandu jintwera fuq in-naħa ta' ġewwa ta' *motor route bus* mingħajr il-permess bil-quddiem ta' l-Awtorità:

Iżda l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien teżenta lil ċerti sinjali mill-applikazzjoni ta' dan is-subregolament.

(2) Ebda reklam, kliem jew materjal ieħor stampat ma jista' jitqiegħed fuq in-naħa ta' barra ta' *motor route bus*, mingħajr il-permess bil-quddiem ta' l-Awtorità.

(3) Meta jintwera xi reklam, kliem jew materjal stampat ieħor bi ksur tas-subregolamenti (1) u (2), l-Awtorità tista' tissospendi lil dik il-*motor route bus* bil-mutur milli tkompli taħdem sakemm ma tiġix regolarizzata dik is-sitwazzjoni.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, xejn ma għandu jostakola jew xort'oħra jtellef il-vista tax-xufier jew sostanzjalment itellef mill-veduta tal-passiġġieri.

Passiġġieri b'imġieba mhux xierqa. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**160.** Meta *motor route bus* tkun qiegħda ġġorr passiġġieri jew tistenna biex tgħabbi passiġġieri, il-passiġġieri jew min ikun bi ħsiebu jitla' fuq il-vettura, jekk il-kundizzjoni tiegħu tkun tali li tista' ddejjaq jew tkun ta' ħsara għall-passiġġieri, jew il-kundizzjoni ta' lbiesu jew ħwejġu hija tali illi wieħed għandu jaħseb illi tista' tħammeġ jew tagħmel ħsara lill-imħaded jew lill-inforor ta' l-imħaded tal-vettura jew lill-ħwejjeġ tal-passiġġieri, dan il-passiġġier ma għandux jibqa' fil-vettura wara li x-xufier jew konduttur ikun wissieh jew biex ma jidħolx fil-vettura jew biex jinżel minnha u f'dan l-aħħar każ ikun tah lura l-flus tan-nol li jkun ħallas.

Trasport ta' annimali. *Emendat: A.L. 408 ta' l-2007; A.L. 158 ta' l-2009.*

**161.** Ħadd ma jista' jgħabbi kelb jew annimal ieħor fuq ebda *motor route bus* jekk xi ħadd mill-passiġġieri joġġezzjona. Dawk il-klieb li jkunu jistgħu jitgħabbew fuq *motor route bus* ma għandhomx jimlew ebda wieħed mill-postijiet tal-passiġġieri u l-konduttur jista' jitlob id-dritt ta' żewġ ċenteżmi (0.02) għal kull kelb. Ma jistgħux jitgħabbew frat.

Vjaġġ sħiħ. *Emendat: A.L. 158 ta' l-2009.*

**162.** Il-*motor route buses* għandhom jagħmlu l-vjaġġ kollu fi żmien xieraq jew fi żmien speċifikat kif jkun ordnat minn żmien għal żmien mill-Awtorità.

F'każ li tiġri ħsara jew *breakdown* u l-*bus* ma tagħmilx il-vjaġġ kollu, ix-xufier u/jew il-konduttur huma obbligati li jieħdu l-passi meħtieġa biex jgħarrfu lill-Awtorità biex tmur *bus* oħra flokha.

Tabelli tad-destinazzjoni. *Sostitwit: A.L. 158 ta' l-2009.*

**163.** Il-*motor route buses* kollha għandhom waqt li jkunu qed jagħtu servizz juru d-destinazzjoni tagħhom flimkien man-numru tar-rotta.

Il-ġbir tan-nol.

**164.** *Mħassar bl-Avviż Legali 400 ta' l-2004.*

**165.** (1) Il-*motor route buses* ma għandhomx iġorru petrol jew likwidu jew materjal ieħor li jieħu n-nar ħlief fit-tankijiet tal-vettura.

Likwidu jew materjali li jieħdu n-nar. *Emendat: A.L. 149 ta' l-1995; A.L.. 158 ta' l-2009.*

(2) Il-kontenut tat-tankijiet tal-vettura jistgħu, f'kull żmien, jiġu eżaminati mill-Pulizija jew minn kull uffiċjal ta' l-Awtorità u ebda persuna ma għandha ġġiegħel jew tħalli li tintuża dik il-vettura fit-triq kemm-il darba x-xufier tagħha ma jkunx qiegħed iġorr fuqu ċavetta jew għodda oħra, sabiex jiftaħ it-tankijiet tal-vettura.

**166.** Ħadd ma jista' bl-ebda mod jindaħal, ifixkel jew b'xi mod ieħor idejjaq lix-xufier jew lill-konduttur fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom jew ikellem lix-xufier waqt li l-*motor route bus* tkun miexja; ix-xufiera u l-kondutturi ma għandhom bl-ebda mod juru nuqqas ta' rispett lill-passiġġieri.

Indħil lill-impjegati tal-*motor route bus*. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**167.** Kull min jikser xi wieħed minn dawn ir-regolamenti jew idejjaq jew jikkaġuna storbju, jew jidher biċ-ċar li hu fi stat ta' sakra f'*motor route bus*, jista' minnufih jitkeċċa mill-vettura mill-Pulizija, barra minn kull piena illi jista' jeħel skond il-liġi.

Imġieba ħażina. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**168.** Kull proprjetà mogħtija lil konduttur jew xufier ta' *motor route bus* jew mogħtija lilhom għandha tkun ikkunsinnata minnhom fl-eqreb uffiċċju tal-Pulizija meta jsir il-vjaġġ.

Proprjetà mitlufa. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**169.** Ħadd ma jista' jġorr fuq *motor route bus* armi ikkargati, jew oġġetti oħra li jkollhom riħa li tagħti fastidju jew tagħmel ħsara.

Hwejjeġ oġġezzjonabbli. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**170.** Ħadd ma jista' jħammeġ kull *motor route bus* minn ġewwa b'oġġett, u l-passiġġieri ma għandhomx iħallu l-biljetti tal-*motor route bus* fl-art jew f'kull parti oħra tal-*motor route bus* ħlief fil-kaxxa ndikata għal dan l-iskop fir-regolament 194.

Ħmieġ f'*motor route buses*. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**171.** It-tariffa uffiċjali tan-nolijiet, l-orarju u l-formula ta' kemm tesa' passiġġieri l-vettura għandhom jitqiegħdu f'post fejn jidher wara l-kabina tax-xufier f'kull *motor route bus*.

Avviżi uffiċjali u tariffa ta' nolijiet. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

Is-sid ta' *motor route bus* għandu jqiegħed ukoll f'post prominenti fil-*motor route bus* kull avviż li l-Awtorità tqis meħtieġ għall-informazzjoni tal-pubbliku li jivvjaġġa. Dan l-avviż għandu jibqa' mwaħħal għal dak iż-żmien li l-Awtorità tordna.

Ix-xufier u s-sid tal-*motor route bus* ikunu responsabbli biex l-avviżi msemmijin hawn fuq jinżammu f'post fejn jidher mill-passiġġieri.

**172.** Ix-xufier u l-konduttur ta' *motor route bus* huma responsabbli li ma jgħabbux iżjed minn numru ta' passiġġieri dettaljat għall-*motor route bus*.

Tagħbija żejda ta' passiġġieri. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**173.** Ebda *motor route bus* ma għandha taqbeż *motor route bus* oħra ħlief meta din tkun wieqfa fi *stage*.

Qbiż ta' *motor route buses*. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

Pakki.
*Emendat:*
*A.L. 408 ta' l-2007;*
*A.L.. 158 ta' l-2009..*

**174.** Pakki jew sarar kbar ma jistgħux jitgħabbew f'*motor route bus*. Meta fil-vettura jkun hemm imħolli apposta wisa' għal dawn il-pakki jew sarar, id-*driver* jew il-konduttur jista' jitlob ħlas ta' mhux iżjed minn erbatax-il ċenteżmu (0.14) għat-tagħbija ta' kull pakk jew sorra. Ma għandu jittieħed ebda ħlas għal pakki żgħar li ma jikkaġunawx skomodu lill-passiġġieri. Karrozzi tal-linja li jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn u mill-ajruport internazzjonali jistgħu l-iktar iġorru żewġ bagalji għal kull passiġġier.

Riforniment.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**175.** Huwa projbit li jarġa' jimtela t-tank tal-petrol fil-waqt li fuq il-*motor route bus* ikun hemm il-passiġġieri.

Tipjip.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**176.** Ebda passiġġier ma jista' jpejjep waqt li jkun f'xi *motor route bus*.

Projbizzjoni li togħqod fuq it-tarġa.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**177.** Ħadd ma jista' joqgħod bil-wieqfa jew bil-qiegħda fuq it-tarġa jew skala tal-*motor route bus* waqt li din tkun miexja.

Postijiet tat-twaqqif.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**178.** (1) *Motor route buses*, li jaħdmu fuq linja, jistgħu jieqfu biss fil-post awtorizzat muri b'tabella ta' BUS STOP jew FARE STAGE, u dan għall-iskop li jniżżel passiġġieri jew igħabbi dawk li fil-fatt ikunu qegħdin jistennew taħt dawk it-tabelli biss:

Iżda spetturi tal-biljetti, uffiċjali tal-Pulizija u kull uffiċjal ta' l-Awtorità jistgħu, fil-qadi ta' dmirijiethom, jitilgħu fuq kull karrozza tal-linja f'kull post bejn *bus stop* u ieħor.

Ix-xufier ta' *motor route bus* għandu jieqaf f'kull post fejn ikun hemm tabelli, kull meta passiġġier li jkun wieqaf taħt tabella juri l-intenzjoni tiegħu li jirkeb il-vettura, kemm-il darba l-vettura ma tkunx qed iġġorr in-numru kollu ta' passiġġieri, u tkun mimlija.

Ix-xufier ta' *motor route bus* huwa obbligat li jwaqqaf il-vettura tiegħu fl-ewwel post awtorizzat malli passiġġier fil-vettura jkun issenjalalu biex jagħmel hekk billi jċempel il-qanpiena jew mekkaniżmu ieħor provdut fil-karrozza għal dak l-iskop, u l-konduttur għandu jagħti dak is-sinjal huwa stess lix-xufier kull meta jkun mitlub minn xi passiġġier.

Ebda passiġġier ma għandu juża l-qanpiena jew mekkaniżmu ieħor maħsub biex jissinjala lix-xufier biex jieqaf ħlief meta jixtieq li jinżel f'post awtorizzat.

(2) Kull xufier ta' *motor route bus* għandu, qabel ma jieqaf f'post awtorizzat għall-waqfien, isuq dik il-*motor route bus* ma' tul u viċin il-bankina, b'mod illi kull passiġġier jista' jinżel mill-*motor route bus* direttament għal fuq il-bankina, jew jirkeb il-*motor route bus* direttament minn fuq il-bankina.

Arranġamenti għall-venda.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**179.** Meta *motor route bus* tkun fil-venda jew f'xi *stage* qegħda tgħabbi jew tniżżel il-passiġġieri, ix-xufier għandu joqgħod f'postu wara l-i*steering wheel* u l-konduttur joqgħod ħdejn id-daħla.

Kull uffiċjal ta' l-Awtorità jista' jordna lill-*motor route buses* biex jitilqu mill-venda anki mingħajr ma jkollhom in-numru

kollu ta' passiġġieri.

In-numru ta' *motor route buses* li jitħallew jibqgħu fil-venda għandu jkun iffissat mill-Awtorità.

Il-passiġġieri kollha li jaslu f'*motor route bus* f'venda jew f'post użat bħala venda għandhom jinżlu mill-*motor route bus* u, sabiex jivvjaġġaw lura, ukoll jekk immedjatament kif jaslu, għandhom joqogħdu għad-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu tar-regolament 164.

**180.** *Mħassar bl-Avviż Legali 400 ta' l-2004.* Biljetti.

**181.** Ebda tieqa ma għandha tinżamm miftuħa waqt li l-*motor route bus* tkun wieqfa fil-venda jew meta tkun miexja jekk xi ħadd mill-passiġġieri jitlob lix-xufier jew konduttur biex din tinżamm magħluqa.

Twieqi. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

TAQSIMA XII

**Ħtiġiet għall-bini ta' *Motor Route Buses***

*Sostitwit: A.L. 158 ta' l-2009.*

**182.** Ebda vettura ma tista' tingħata liċenza ta' *motor route bus* jekk ma tkunx skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-Regolamenti, l-aktar tad-disposizzjonijiet dwar *motor route buses* fit-Taqsima V dwar it-Tagħmir tal-Vetturi.

Liċenzjar ta' *motor route buses. Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**183.** Kull vettura għandha tkun taqbel f'kollox mal-ħtiġiet dwar il-kostruzzjoni, toqol u armar magħdud ix-xogħol kollu tal-*body*, tappezzerija u armar li għandhom ikunu mibnijin sodi u kif jixraq ta' materjali adattati irfinuti tajjeb u f'kundizzjoni tajba u b'saħħithom, u ta' dik il-għamla biex tiflaħ it-tagħbijiet u l-kedd li aktarx ikollha fix-xogħol.

Konformità mal-ħtiġiet stabbiliti.

Għandu jkun hemm mezzi effiċjenti biex il-passiġġieri jkunu jistgħu jagħmlu sinjal lix-xufier meta jkunu jriduh iwaqqaf.

Mhux permess li jinbnew vetturi b'żewġ pjani mingħajr il-permess speċjali ta' l-Awtorità.

**184.** Il-*body* għandu jkun imwaħħal għas-sħiħ max-*chassis* u ma għandux joħroġ 'il barra minn tarf ix-*chassis*, jew 'il barra mit-tarf ta' biċċa miżjuda ma' *chassis* li skond is-sengħa hi mgħoddija b'tajba u sħiħa.

Il-*body*. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

Ma għandu jinbena ebda *body* ta' *motor route bus* li fih joqogħdu inqas minn sitta u għoxrin passiġġier u lanqas iżjed minn sitta u erbgħin passiġġier mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità.

**185.** Il-kapaċità tal-makna ta' *motor route bus* importat jew mibni ġdid, jew wieħed li jkollu rimpjazzament ta' makna, ma għandhiex tkun anqas minn 74 Kw f'każ ta' vettura li l-piż gross tagħha mgħobbija ma jkunx iżjed minn 10 tunnellati metriċi u mhux inqas minn 93 Kw jekk il-piż gross tagħha mgħobbija jkun iżjed minn 10 tunnellati metriċi iżda mhux iżjed minn 12-il tunnellata metrika.

Kapaċità tal-makna. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

L-Awtorità għandha s-setgħa fid-diskrezzjoni tagħha li teħtieġ kapaċità akbar ta' makna f'każ ta' *motor route bus* li l-piż gross tiegħu jkun iżjed minn 12-il tunnellata metrika.

Il-forza tal-makna għandha tittieħed li tfisser il-forza tal-makna bla ma tgħodd il-forza li tħaddem *units* awżiljari mhux meħtieġa biex taħdem il-makna.

Brejkijiet.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**186.** Minbarra d-disposizzjonijiet tar-regolament 92, għall-brejkijiet ta' *motor route bus* huma meħtieġa dawn li ġejjin:

Kull brejk għandu jkun kapaċi li jwaqqaf il-vettura mgħobbija kollha f'pendil ta' 1 f'4.

L-użu ta' kull brejk ma għandux jaqta' l-makna minn ma' l-ingranaġġ.

Ma għandu jitqiegħed xejn fuq il-*motor route bus* li jista' jxekkel b'xi mod l-użu tal-brejkijiet.

Karburaturi u reċipjenti għall-petrol.

**187.** Il-karburaturi kollha u l-apparati li għandhom x'jaqsmu magħhom għandhom jitqiegħdu b'mod u jkunu milqugħin biex l-ebda petrol jew żejt li jnixxi minnhom ma jaqa' fuq xi naħa jew biċċa tagħmir li tkun tista' tieħu n-nar, jew ġo xi reċipjent fejn jista' jinġabar.

Meta taħt il-makna jew ma' ġenb il-makkinarju jitwaħħal xi tilar jew lqugħ ieħor, dan għandu jkun imqiegħed b'mod illi kull meta jfur il-petrol dan ma jibqax fit-tilar.

Bini fuq *chassis* ġdid.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**188.** (1) Mhux permess il-bini ta' *motor route bus* ħlief fuq *chassis* ġdid:

Iżda l-Awtorità tista' tippermetti deroga għal din id-disposizzjoni jew meta iċ-*chassis* relattiv ikun ġa użat f'*motor route bus* li l-*body* tiegħu jkun qiegħed jinbena mill-ġdid jew rikostruwit, jew jekk ikun *chassis* sekondaman meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li l-kundizzjoni tiegħu tkun tali li jkun għad jiflaħ jieħu l-isforz u l-istrapazz mistenni li jkollu bil-piż ta' *body* ta' *motor route bus* mgħobbi kollu, il-piż tan-numru tal-passiġġieri li għalihom tkun provduta kumdità biex joqogħdu bilqiegħda, b'żieda għall-piż tax-xufier, konduttur, spettur tal-biljetti, u kull numru awtorizzat ta' passiġġieri bil-wieqfa, li jkun kalkolat fi 72 kg. kull persuna:

Iżda wkoll l-Awtorità ma għandhiex tippermetti l-użu ta' xi *chassis* ta' *motor route bus* kemm-il darba l-eżaminaturi ta' l-Awtorità ma jkunux sodisfatti li huwa tajjeb u adattabbli; u l-Awtorità tista', barra milli timponi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li jidhrilha xierqa, teħtieġ ċertifikat dwar l-effiċjenza strutturali tax-*chassis* minn espert li jkollu dawk il-kwalifiki li l-Awtorità teħtieġ.

(2) L-Awtorità tista' titlob l-ispeċifikazzjoni tal-fabbrikant ta' kull *chassis*, jew *motor route bus*, li turi t-tagħbija tax-*chassis* u l-piż tal-*body*, biex jiġu prodotti lill-Awtorità.

(3) L-Awtorità tista' tagħti permess għall-estensjoni ta' kull *chassis* ta' *motor route bus* -

(*a*) wara li l-ispeċifikazzjonijiet u d-disinji ta' l-estensjoni proposta jkunu approvati minnha fuq il-parir ta' l-

espert imsemmi fis-sub-regolament (1); u

(*b*) wara li l-estensjoni tkun, meta x-xogħol tagħha jitlesta, ċertifkata mill-espert li tkun skond l-ispeċifikazzjonijiet u d-disinji approvati.

(4) Fil-każijiet kollha, in-numru massimu ta' passiġġieri li jistgħu jinġarru għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità.

**189.** Ebda biċċa minn vettura mgħobbija kollha li tkun fil-pjan ma għandha tkun eqreb mill-art minn 250mm. Vojt.

Il-limiti għandhom iwasslu -

(i) fit-tul lura mill-iżjed biċċa fin-naħa ta' quddiem tal-vettura barra mill-i*starting handle* u mill-*body* -

(*a*) fil-każ ta' vettura b'erba' roti għal distanza ta' 4.4 metri jew, jekk il-fus ta' wara jkun inqas minn 4.4 metri wara din il-biċċa ta' quddiem nett, iżda bla ma jingħadd dan il-fus, u

(*b*) fil-każ ta' vettura li għandha iżjed minn erba' roti għal distanza ta' 4 metri jew jekk il-fus tas-sewqan ta' quddiem tkun inqas minn 4 metri wara din il-biċċa ta' quddiem nett, iżda bla ma jingħadd dan il-fus tas-sewqan;

(ii) fil-wisa' għad-distanza fuq kull ġenb tal-linja taċ-ċentru tal-vettura ta' mhux inqas minn terz tad-distanza bejn il-linji taċ-ċentru tas-sinjali tar-roti ta' quddiem.

**190.** Kull bieb tad-dħul u l-ħruġ għandu jkun jista' jinfetaħ b'manuvra waħda tal-mekkaniżmu li jaqflu: Bibien.

Iżda sabiex ikun żgurat li l-vettura meta ma tkunx indukrata, jkun permess li jitqiegħed f'kull bieb tad-dħul u l-ħruġ qofol ieħor b'mekkaniżmu li dan il-qofol ikun iddisinjat u magħmul b'mod illi l-bieb jista' f'kull ħin jinfetaħ minn persuna ġewwa l-vettura b'manuvra waħda tal-mekkaniżmu komuni tal-qafla.

Il-manilji tal-bieb jew il-lievi tal-makni tal-bieb għandhom ikunu ddisinjati u magħmulin b'mod li ma jkunux jistgħu jinqalgħu jew li jaħdmu aċċidentalment. Meta jkun hemm xi dħul fil-bibien li jibqgħu miftuħin meta tkun miexja l-vettura, għandu jkun hemm ganġetti xierqa biex iżommu dawn il-bibien miftuħin tajjeb.

Il-bibien kollha (inklużi dawk għall-ħruġ f'każ ta' emerġenza) għandhom ikunu ddisinjati b'mod li jistgħu jinfetħu malajr f'każ ta' bżonn sew minn ġewwa kif ukoll minn barra l-vettura. Il-ħruġ ta' emerġenza għandu jkollhom bibien li jinfetħu fuq barra.

Il-mekkaniżmu tal-ħruġ kollu ta' emerġenza għandu jkun jista' jintlaħaq bil-ħeffa minn nies ta' tul normali weqfin f'art pjana min-naħa ta' barra tal-vettura.

Il-bibien kollha għandhom jinfetħu b'mod li ma jxekklux il-wisa' ta' ebda dħul jew ħruġ sew minn ġewwa kif ukoll minn barra l-vettura.

Sewqan.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**191.** Ir-rota tad-direzzjoni għandha tkun fuq il-lemin jew fuq in-naħa ta' barra tal-vettura, u l-post tax-xufier għandu jkun mqiegħed b'mod illi huwa jkun jista' jagħmel is-soltu sinjali tat-traffiku min-naħa ta' barra tal-*motor route bus*.

Post ix-xufier.

**192.** Kull vettura għandha tkun iddisinjata b'mod illi x-xufier ikollu wisa' biżżejjed u jkun jista' jilħaq bil-ħeffa u jħaddem malajr il-kontroll. Il-post tax-xufier għandu jkun irranġat b'mod li jkun milqugħ sewwa f'temp ħażin, u għandu jinstab mezz fejn meħtieġ biex id-dawl ta' wara fil-vettura ma jfixkilx lix-xufier.

Ma għandu jkun hemm ebda sedil fuq in-naħa tal-lemin tas-sedil tax-xufier.

Meta jitgħabbew xi passiġġieri fix-xellug tax-xufier, huwa għandu jkollu wisa' ta' mill-inqas 450mm. miċ-ċentru tar-rota tad-direzzjoni san-naħa tax-xellug, u dan il-wisa' għandu jingħażel mil-post tal-passiġġieri b'diviżjoni soda li tkun għolja mill-inqas 230mm. mil-livell tas-sedil, u ma' tul il-wisa' kollu tas-sedil.

Il-post tax-xufier għandu jkollu wara s-sedil tiegħu *screen* trasparenti imwaħħal.

Għandu jkun hemm dħul dritt għas-sedil tax-xufier min-naħa ta' barra tal-vettura jew b'mezz ta' passaġġ li ma għandux ikun idjaq minn 900mm. Xejn ma għandu jitqiegħed jew jitneħħa mill-post tax-xufier b'mod li l-passiġġieri jkunu jistgħu jindaħlu fl-użu tad-diversi kontrolli.

Fili elettriċi.

**193.** Il-fili kollha elettriċi għandhom ikunu iżolati kif jixraq u mwaħħlin tajjeb.

Dħul u ħruġ.
*Emendat:*
*A.L.. 158 ta' l-2009.*

**194.** Meta l-vettura jkollha saqaf fiss ma għandux ikun hemm inqas minn żewġ mezzi ta' dħul u ħruġ, wieħed minnhom għandu jkun 'il quddiem fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura u jintuża bħala d-dħul u ħruġ komuni tal-*motor route bus* u l-ieħor fuq in-naħa l-oħra tal-vettura biex jintuża f'każ ta' emerġenza. Dan il-bieb għandu jkun immarkat li jidher ċar EMERGENCY DOOR u jkun qiegħed b'mod li l-passiġġieri jistgħu jgħaddu minnu dritt mill-passaġġ għal barra l-vettura.

Ma għandu jitqiegħed ebda sedil ma' xi bieb b'mod li meta jkun ser jintuża, is-sedil ixekkel xi passaġġ għall-ħruġ jew kuritur meħtieġ minn dawn ir-regolamenti.

F'kull bieb, barra minn ħruġ ta' emerġenza, għandu jkun hemm poġġaman, sabiex jgħin il-passiġġieri jitilgħu u jinżlu mil-vettura.

Ħdejn id-daħla ta' kull *motor route bus* bil-mutur għandha titwaħħal kaxxa b'xaqq biex jintefgħu fiha l-biljetti wżati. Id-daqs u l-għamla tal-kaxxa kif ukoll il-post fejn għandha titwaħħal għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità.

Kull daħla jew mezz ta' ħruġ għall-passiġġieri għandu jkollha wisa' bla xkiel ta' mhux inqas minn 530mm. u jekk ikun hemm bieb, dan għandu jkun armat b'mod li l-wisa' bla xkiel li jibqa' ma jkunx inqas minn 530mm. meta l-bieb ikun miftuħ.

Fil-każ ta' ħruġ ta' emerġenza, dan għandu jkun magħmul b'mod li jkun livell mat-tavlar tal-paviment tal-wisa' tal-bieb ikun

ta' 660mm. u għandu jitħalla wisa' bla xkiel li jagħti għalih ta' mhux inqas minn tal-passaġġ.

Il-għoli ta' kull dħul u ħruġ, barra mill-bieb ta' emerġenza, imkejjel mit-tavlar tal-paviment tal-*bus* sa l-eqreb punt ta' l-arkitrav, ma għandu fl-ebda każ ikun inqas minn 1.525 metri. Il-bieb ta' emerġenza ma għandu fl-ebda każ ikun inqas minn 1.425 metri:

Iżda fil-każ ta' *motor route bus*es b'daħla fil-fond ta' mhux inqas minn 660mm., dawn ikollhom permess għal għoli miminu ta' 1.37 metri.

**195.** It-tubu ta' l-*exhaust* għandu jitwaħħal jew ikun milqugħ b'mod illi l-ebda materjal li jieħu n-nar ma jkun jista' jintafa' fih mill-ebda post tal-vettura u li ma jkunx jista' jieħu n-nar billi fil-qrib fil-vettura jkun hemm xi materjal li jaqbad; it-tarf tal-pajp għandu jitqiegħed fuq il-lemin u biżżejjed lejn in-naħa ta' wara biex id-dħaħen ma jidħlux fil-vettura.

It-tubu ta' l -*exhaust*. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

Irid ikun hemm *silencer* tajjeb u ma tista' tintuża ebda valvola jew mekkaniżmu li jaqta' dan is-*silencer*.

Għandu jkun hemm mezzi tajba biex is-sħana ma tasalx fuq it-tubu ta' l-*exhaust* jew il-bċejjeċ tiegħu li tista' taffetwa xi biċċa mill-vettura jew iddejjaq lill-passiġġieri.

Ħadd ma għandu jsuq jew iġiegħel jew jippermetti li tinsaq *motor route bus* meta, minħabba xi kawża tkun xi tkun it-tubu ta' l-*exhaust* jew il-konnessjoni tiegħu jarmu duħħan, naqal, xrar, irmied, ġamar, jew sustanzi żejtnin.

**196.** It-tavlar tal-paviment u kull bokkaport fil-qiegħa tal-vettura għandu jkun sħiħ u għandu jkun aġġustat jew ingastat b'mod li ma jkunx jista' jinqala' bil-vibrazzjonijiet. Kull mezz biex jintrafa' t-tavlar għandu jkun imwaħħal invell mat-tavlar tal-paviment jew bokkaport. Ebda biċċa mit-tavlar tal-paviment ma' tista' tinqala' waqt li fil-*bus* ikun hemm il-passiġġieri.

It-tavlar tal-paviment.

**197.** Ebda tank ma għandu jitqiegħed f'ebda naħa ta' kull passaġġ li jkun qrib 610mm. minn kull daħla jew ħruġ.

Tankijiet għar-rifornimenti.

It-tankijiet tal-petrol għandhom ikunu mqegħdin b'mod illi l-petrol li jfur mit-tank ma jaqax fuq l-injam jew jinġabar f'post fejn jista' jieħu n-nar. Għandu jkun hemm vit li bih il-provvista tal-petrol għal kull karburatur tkun tista' tinqata' minnufih u l-mezz biex jitħaddem għandu jkun fejn jidher u li jista' jintlaħaq minnufih f'kull ħin minn barra l-vettura. Il-posizzjoni OFF tal-mezz għall-użu għandu jkun immarkat ċar fuq in-naħa ta' barra tal-vettura.

Il-post tal-mili tat-tankijiet kollha tal-petrol għandu jkun barra mill-*body* tal-vettura, u t-tappijiet taż-żennuna tat-tankijiet għandhom ikunu magħmulin u armati b'mod li jistgħu jeħlu tajjeb fil-post. It-toqba tan-nifs, jekk ikun hemm, għandha tiġi milqugħa mill-periklu tan-nar, u għandha tkun magħmula b'mod li minnha la jittajjar u l-anqas ma jixxerred il-petrol.

**198.** Minn kull sedil għandu jkun hemm mogħdija bla xkiel għal mill-inqas żewġ bibien.

Passaġġi.

Il-wisa' ta' kull passaġġ ma għandux ikun inqas minn 305mm. sa għoli ta' 760mm. mill-livell ta' l-art u 'l fuq minn dak il-għoli mhux inqas minn 360mm.

Taqtir ta' żjut.

**199.** Ix-*chassis* għandu jkun mibni b'mod li, kemm jista' jkun, ma jħallix iż-żjut u l-griż iqattar mill-makkinarju jew bnadijiet oħra fuq it-triq.

*Guard rails.*

**200.** Jekk xi żewġ roti f'xi naħa tal-vettura ikollhom vagant ta' iżjed minn 610mm. bejn l-eqreb naħa tal-vettura għandu jitwaħħal *guard rail*, staffa jew mezz ieħor bħal dawn li jasal sa 230mm. mir-rota ta' quddiem u 150mm. mir-rota ta' wara, biex jilqa' tajjeb dan il-vagant sa mill-inqas 255mm. mill-art meta l-vettura tkun bla passiġġieri u tkun wieqfa fuq art lixxa.

Għoli.

**201.** L-għoli estern ta' kull vettura ma għandux ikun iżjed minn 3.2 metri u l-għoli intern tagħha mkejjel mill-wiċċ ta' l-art ma għandux ikun anqas minn 1.83 metri sa distanza ta' 1.17 metri, u 1.78 metri sa distanza ta' 800mm., min-naħa ta' ġewwa tal-bieb ta' emerġenza:

Iżda dan ir-regolament ma japplikax għall-vetturi ġa liċenzjati fl-24 ta' Awissu, 1964.

Irjus-ir roti.

**202.** Ebda naħa ta' ebda rota jew xi armar tagħha ma għandha toħroġ 'il barra minn 90mm. mix-xifer tat-*tyre* meta jkun minfuħ kollu.

Armar li jieħu n-nar

**203.** Ebda tagħmir magħmul miċ-ċellulojde jew *xylonite* jew minn sustanza oħra infjammabbli, barra mill-iskompartiment ta' l-akkumulatur ma għandu jintuża jew jitwaħħal f'xi vettura.

Eżami, manutenzjoni u tagħmir. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**204.** Kull *motor route bus* għandha tittieħed għall-eżami ta' l-eżaminaturi ta' l-Awtorità qabel ma tidħol għall-manutenzjoni u għax-xogħol.

Dan l-eżami ma jsirx mill-eżaminaturi ta' l-imsemmija Awtorità jekk is-sid ma jkunx qabel ma jibda xi xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-vettura, ta t-tagħrif li ġej:

(*a*) id-dettalji kolha u d-disinn tax-*chassis*;

(*b*) dikjarazzjoni bil-miktub li tagħti d-dettalji tal-vettura f'dik il-forma li tingħata mill-Awtorità.

L-Awtorità tista' teħtieġ illi x-*chassis* jiġi eżaminat u approvat mill-eżaminatur tagħha qabel ma jibda xi xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-*body.*

Il-*motor route buses* kollha għandhom jiġu spezzjonati kull sena u fiż-żminijiet kontemplati fir-regolament 120.

Il-*body* sew minn barra kif ukoll minn ġewwa u t-twieqi u l-armar kollu u s-sedili kollha tal-passiġġieri għandhom jinżammu l-ħin kollu ndaf u f'kundizzjoni tajba. In-numru ta' passiġġieri bil-qiegħda fil-vettura għandu jkun immarkat ċar b'ittri ta' mhux inqas minn 25mm. f'post għoli fejn jidher sewwa ġewwa l-vettura.

Tul.

**205.** (*Revokat bl-Avviż Legali 162 ta' l-2003*).

**206.** Minbarra d-dwal meħtieġa skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 97 sa 104 kull *motor route bus* għandu jkollha dawl tajjeb ta' l-elettriku sabiex tiddawwal il-vettura minn ġewwa, dawl li f'ebda ċirkostanza ma għandu jkun ta' inqas minn erba' lampi kull waħda b'bozoz ta' 6 *watts*.

Id-dwal. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**207.** Il-bċejjeċ kollha li jitħarrku u l-bċejjeċ kollha ta' l-apparat li huma suġġetti għall-vibrazzjonijiet, u li huma mqabbdin b'boltijiet jew pernijiet u bi skorfini għandhom ikunu marbutin bi skorfini li jagħfsu waħda fuq l-oħra, jew bi skorfini u kollarini tal-molla jew bi skorfini doppji tajba, jew bi skorfini ta' gastell bil-pinnijiet maqsuma jew b'xi mezz ieħor effiċjenti, b'mod li ma jkunux jistgħu jiċċaqalqu jew jillaxkaw.

Skorfini doppji.

**208.** (1) Ix-*chassis* ta' *bus* li jkollha l-bażi tar-roti ta' tul ta' 4.5 metri u inqas, ma għandux ikollha l-biċċa tal-vettura li toħroġ 'il barra iktar minn 66% mill-bażi tar-roti.

In-naħa ta' wara tal-vetturi.

(2) Ix-*chassis* tal-*bus* magħmula minn *steel members* ta' biċċa waħda u li jkollha l-bażi tar-roti itwal minn 4.5 metri iżda mhux aqsar minn 4.8 metri ma għandux ikollha l-biċċa tal-vettura li toħroġ 'il barra iktar minn 2.7 metri, u x-*chassis* li jkollha bażi tar-roti iktar minn 4.8 metri iżda inqas minn 5.2 metri ma għandux ikollha l-biċċa tal-vettura li toħroġ 'il barra iktar minn 2.4 metri, u x-*chassis* li jkollha bażi tar-roti iktar minn 5.2 metri ma għandux ikollha l-biċċa tal-vettura li toħroġ 'il barra iktar minn 2.3 metri.

(3) It-tul tal-biċċa vettura li toħroġ 'il barra għandu jitqies li jkun dak imkejjel miċ-ċentru tal-fus ta' wara sat-tarf nett ta' wara ta' l-istruttura prinċipali tal-*body* imma mhux inklużi xi pumi, *hinges*, *bumpers* jew kurvaturi raġonevoli tal-*body* maħsubin biss biex jagħtu forma lill-*body* u li b'ebda mod ma jħallu spazju għal bil-qegħda jew spazju għal bagalji.

(4) L-Awtorità għandha tenħtieġ dwar kull *chassis* -

(*a*) l-ispeċifikazzjonijiet u d-disinni kollha li juru l-qisien, l-identifikazzjoni, il-materjal u l-informazzjoni dwar id-disinn, il-*gross laden weight* massimu u ċ-ċirku tad-dawra li għalih ix-*chassis* tal-*bus* ġie disinjat u d-data tal-fabbrikazzjoni;

(*b*) ċertifikat minn awtorità kompetenti jew fabbrikant li x-*chassis* ikun addattat bħala *chassis* ta' *bus*.

(5) Ebda *chassis* ma għandu jintuża bħala *chassis* ta' *bus* kemm-il darba l-Awtorità ma tkunx sodisfatta bid-disinn, il-kostruzzjoni u il-kundizzjoni tiegħu.

**209.** Il-ġnub ta' kull vettura, ħlief l-indikatur tad-direzzjoni meta jkun jaħdem, jew mera għas-sewqan, ma għandhomx jisporġu iżjed minn 150mm. 'l hemm mill-faċċata ta' barra tat-*tyre* ta' barra tar-rota ta' wara ta' l-istess naħa tal-vettura.

X'mgħandux jisporġi mill-vettura.

**210.** Il-pilastri tal-*body* għandhom ikunu ta' saħħa biżżejjed u l-bċejjeċ li fuqhom tista' tinxteħet jew issir forza qawwija għandhom ikunu mirfudin sewwa bi skwerer tal-ħadid.

Pilastri.

Sinjali u lwien li jagħżlu l-linji.
*Emendat:*
*A.L. 109 ta' l-1995;*
*A.L. 234 ta' l-1997;*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

**211.** (1) L-Awtorità tista' tordna illi l-*motor route buses* jinżebgħu f'dak il-lewn jew ilwien u jġibu biss dawk il-kelmiet, sinjali, ċifri jew numri li jingħarfu kif l-Awtorità tordna.

(2) Il-marki distintivi u l-kuluri tal-linji għandhom ikunu kif murija fl-Ewwel Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda, sat-30 ta' Ottubru, 1995, u f'kull każ wara dik id-data, l-marki distintivi u l-kuluri tal-linji għandhom ikunu skond kif indikat fl-Ewwel Skeda u l-iskala tal-kuluri għandha tkun approvata mill-Awtorità.

(3) Ebda lwien oħra ma għandhom jinżebgħu fuq xi *motor route bus* ħlief dawk speċifikati hawn fuq u ebda ittra, sinjali, ċifri, stampi jew xi oġġetti mwaħħla, ornamenti, disinji jew tiżjin, ħlief dak li jitolbu dawn ir-regolamenti, ma huma permessi fuq xi parti ta' *motor route bus* kemm-il darba ma jkunx hemm approvazzjoni minn qabel għal hekk mill-Awtorità.

(4) Il-parti ta' ġewwa tal-*motor route buses* kollha għandha tkun miżbugħa bajda kemm-il darba l-materjal użat fil-kostruzzjoni tagħha ma jkunx irfinut b'mod li ma tkunx meħtieġa żebgħa, iżda dan il-materjal u l-lewn tiegħu jridu jkunu approvati mill-Awtorità.

(5) Iz-zokklu sa l-ogħli tal-parti t'isfel tat-twieqi għandu jkun ta' lewn kannella ċar.

(6) L-injam ta' barra fuq il-parti t'isfel tat-twieqi għandu jkun miżbugħ abjad.

(7) Is-saqaf għandu jkun mibni mill-injam jew minn materjal ieħor adattat għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità u għandu jkun miżbugħ abjad.

*Safety glass* laminat.

**212.** Il-ħġieġ imwaħħal mat-twieqi jew mal-paraventi għandu jkun ħġieġ sħiħ (*safety glass*) laminat li jfisser ħġieġ maħdum u mqiegħed b'mod illi jekk jinkiser ma jtirx fi frak li jista' jagħmel qatgħat kbar.

In-numru ta' postijiet.

**213.** In-numru ta' postijiet li jkun hemm imsemmi għandu jkun dejjem kalkulat barra mill-post tax-xufier u tal-konduttur.

Is-sedili.

**214.** Mill-inqas 410mm. meqjusa f'linja dritta min-naħa ta' quddiem ta' kull sedil għandhom jitħallew għal kull passiġġier fuq sedil ta' tnejn u għandu jkun tajjeb u komdu.

Suġġett għal dak li jingħad hawnhekk aktar 'il quddiem ma jkunux permessi sedili ta' iżjed minn żewġ persuni.

L-Awtorità tista' f'każijiet speċjali, jekk tkun sodisfatta, fid-diskrezzjoni tagħha, illi b'daqshekk ma jkunux ser jintlaqtu s-sigurtà u l-kumdità tal-passiġġieri, tagħti pemess bil-miktub għal mhux aktar minn sedil wieħed ta' tliet persuni. F'kull każ bħal dan is-sedil ta' bi tlieta għandu jitqies fuq bażi ta' 460mm. kull passiġġier, u għandu jkun skond dawn ir-regolamenti għal dak li għandhom x'jaqsmu affarijiet oħra.

Ebda biċċa tad-dahar ta' kull sedil ma għandha tkun inqas twila minn 1.37 metru minn dik il-biċċa li taqbel magħha fis-sedil ta' quddiem.

Is-sedili li jkunu jħarsu lejn ġenb wieħed għandhom ikunu

armati b'mod li -

(*a*) ikun hemm vojt ta' mill-inqas 690mm. mill-eqreb parti ta' wara tad-dahar ta' kull sedil għall-eqreb parti ta' wara tad-dahar tas-sedil l-ieħor jew mill-eqreb parti ta' kwalunkwe diviżjoni fuq quddiem, u fil-każ ta' sedili biswit xulxin vojt ta' mill-inqas 1.37 metru li jitkejlu minn wara ta' dahar ta' sedil sa wara tad-dahar tas-sedili l-ieħor. Kull manilja jew poġġaman li jisporġi għal iżjed minn 100mm. mid-dahar tas-sedil ma għandux jitqies fil-vojt imsemmi hawnhekk; u

(*b*) ikun hemm vojt ta' mill-inqas 480mm. bejn kull biċċa tax-xifer ta' quddiem ta' sedil u kull biċċa ta' kull sedil ieħor li jkun faċċata tiegħu.

Meta xi sedil li jħares lejn ġenb wieħed ikun qiegħed b'mod illi l-passiġġier li jkun qiegħed fuqu jista' jintefa' 'l quddiem minn daħla jew minn tarġiet, għandu jitqiegħed paraventu jew ilqugħ biex ikun hemm protezzjoni lil kull passiġġier li jkun fuq dak is-sedil.

Is-sedil ta' fuq il-ħnejja tar-roti ma għandhomx jitqiegħdu f'pożizzjoni li fiha l-passiġġieri ma joqogħdux komdi.

Id-dahar tas-sedili kollha għandu jkun tapezzat bil-lastiku *foam* ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 25mm. u l-ħxuna kollha tad-dahar tas-sedil inkluż it-tapezzar ma għandhiex tkun iżjed minn 50mm. Id-dahar ta' kull sedil għandu jkun inklinat lura mhux inqas minn 75mm. minn linja perpendikolari.

Is-sedili kollha għandhom ikunu tapezzati bil-lastiku *foam* ta' ħxuna mhux inqas minn 75mm. u għandhom ikunu inklinati 'l isfel lejn id-dahar tas-sedil b'50mm.

It-tapezzar tas-sedili kollha u tad-dahar tas-sedili għandu jkun miksi bi drapp approvat mill-Awtorità u bejn l-1 ta' Mejju u l-15 ta' Ottubru għandu jkollhom inforor barranin li jistgħu jinħaslu.

Il-maqgħad ta' kull sedil ma għandux ikun fond inqas minn 400mm.

Għall-fini ta' dan ir-regolament il-kelma "dahar" tgħodd ukoll għal kull biċċa tal-vettura li magħha jistgħu jistrieħu l-passiġġieri.

**215.** Kull vettura għandu jkollha molol xierqa u biżżejjed, kemm bejn kull rota u l-qafas tal-vettura, kif ukoll taħt dik il-parti tal-qafas l-aktar qrib għal kull rota, għas-sodisfazzjon ta' l-eżaminaturi ta' l-Awtorità. Il-molol.

**216.** Is-sodizza ta' vettura bi pjan wieħed għandha tkun b'mod illi f'kull kundizzjoni ta' tagħbija jekk l-art li fuqha tkun wieqfa l-vettura tkun immejla fuq xi ġenb ma jkunx hemm anglu ta' iżjed minn 35 grad minn linja orizzontali għall-pont ta' fejn il-vettura tkun tmejlet. Sodizza.

Sabiex isir test tas-sodizza l-għoli ta' kull pern li jintuża sabiex ma jħallix lir-rota tal-vettura toħroġ mill-ġenb ma għandux ikun ikbar minn żewġ terzi tat-tul bejn wiċċ l-art li fuqha tkun il-

vettura qabel ma titmejjel, u dik il-biċċa tax-xifer ta' dik ir-rota li issa tkun l-eqreb lejn wiċċ l-art meta l-vettura tkun mgħobbija, jiġifieri komplita u armata b'kollox għas-servizz bi provvista sħiħa ta' ilma, żejt u petrol u mgħobbija b'toqol ta' 72kg kull persuna fil-posizzjonijiet tajba ta' kull waħda biex jirrappreżentaw lix-xufier, lill-konduttur u lit-tagħbija sħiħa awtorizzata ta' passiġġieri.

Taraġ.
*Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**217.** Il-wiċċ ta' l-ewwel tarġa ta' kull daħla jew ħarġa ta' vettura, barra mill-bieb ta' emerġenza, ma għandux ikun iżjed minn 430mm. jew anqas minn 250mm. 'il fuq mill-art meta l-vettura tkun vojta.

It-tarġiet kollha għandu jkunu magħmula b'mod li ma jiżolqux. It-tarġiet fissi ma għandhomx ikunu idjaq minn 230mm. u f'ebda każ ma għandhom joħorġu fuq il-ġenb 'il barra mill-*body* tal-vettura jekk ma jkunux imħarsin mill-ġwienaħ ta' quddiem (jew xort'oħra) biex ma jkunux jistgħu jagħmlu ħsara lil min ikun miexi.

In-numru tat-tarġiet bejn l-invell ta' l-art u t-tavlar tal-paviment ta' kull *motor route bus* ma għandu fl-ebda każ ikun iżjed minn erbgħa; u l-għoli ta' kull tarġa ma għandux ikun iżjed minn 250mm.

Sinjali li l-vettura ser tieqaf.
*Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**218.** Dawl aħmar ta' twissija għandu jitwaħħal fuq in-naħa ta' wara ta' dik il-vettura, biex b'hekk javża kull meta x-xufier ta' *motor route bus* ikun ser iwaqqaf il-vettura.

Għodod u rkaptu ieħor.

**219.** Il-vettura għandha tkun armata tajjeb b'sett komplet ta' għodod u rkaptu ieħor għat-tiswijiet. Fost l-għodod għandu jkun hemm manwella u rota barranija komplita bit-*tyre* u t-tubu ta' ġewwa.

Fusijiet dritti u tal-ingranaġġ.

**220.** Fejn ikun hemm fusijiet dritti ta' l-ingranaġġ mikxufin jew miftuħin u jkollhom it-tul ta' iżjed minn 610mm., li ma jkunux imqabbda, dawn għandhom jiġu mqabbdin b'ħadida jew ħadidiet li jkollhom il-ħolqa jew għollieqa li ddur madwar dawn il-fusijiet u mwaħħla b'mod li tnaqqas il-periklu ta' ħsara għall-bċejjeċ l-oħra tal-vettura kemm-il darba l-fus ta' l-ingranaġġ li jinkiser.

Kif il-vettura għandha ddur tond.

**221.** Kull vettura għandha tkun magħmula b'mod li tkun tista' ddur tond f'kull direzzjoni f'dijametru ta' mhux iżjed minn 18.3 metru fil-każ ta' vettura li t-tul kollu tagħha ma jkunx iżjed minn 7.9 metri u 20.1 metru fil-każ ta' vettura li t-tul kollu tagħha jkun iżjed minn 7.9 metri. Dan id-dijametru għandu jitqies mit-tarf ta' barra nett tas-sinjali tar-roti fuq art lixxa.

*Tyres.*
*Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**222.** Kull *motor route bus* għandha tkun armata b'*tyres* pnewmatiċi.

Ventilazzjoni.

**223.** Għandu jkun hemm ventilazzjoni biżżejjed kemm għall-passiġġieri kif ukoll għax-xufier bla ma jkun hemm għalfejn tinfetaħ ebda tieqa prinċipali jew *windscreen*.

Ventilaturi tas-saqaf ikunu tat-tip *vacuum* tajbin għal kull temp b'apertura ta' 75mm. dijametru skond it-tip approvat mill-Awtorità u ma għandux ikun hemm anqas minn sitt ventilaturi bħal dawn, tlieta fuq kull naħa, b'dik id-distanza minn wieħed għall-

ieħor li tipprovdi ċirkolazzjoni libera ta' arja ma' ġewwa kollu.

**224.** (*Revokat bl-Avviż Legali 162 ta' l-2003*). Piż.

**225.** It-tul bejn ir-roti ta' quddiem ma għandu fl-ebda każ ikun anqas mit-tul bejn ir-roti ta' wara. Tul bejn ir-roti.

Fil-każ ta' *chassis* mhux fabbrikat għal użu bħala *chassis* ta' *bus*, it-tul bejn ir-roti ta' wara ma għandux ikun anqas minn 69 fil-mija tal-wisa' kollu tal-vettura.

Il-kejl tat-tul bejn ir-roti għandu jittieħed orizzontalment fil-livell taċ-ċentru tar-roti.

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti kull żewġ roti ta' vettura bil-mutur għandhom jitqiesu bħala rota waħda jekk it-tul bejn iċ-ċentri ta' l-arei ta' kuntatt bejn dawn ir-roti u wiċċ it-triq ikun anqas minn 460mm.

**226.** (*Revokat bl-Avviż Legali 162 ta' l-2003*). Wisa'.

**227.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 230, kull tieqa fuq kull *motor route bus*, liċenzjata biex taħdem fuq is-servizz bl-iskeda, għandha tkun magħmula b'mod li tista' tinfetaħ billi titniżżel jew tiżżerżaq mill-passiġġieri f'kull waqt, anki meta dik il-*motor route bus* tkun qed taħdem fuq servizzi li ma jkunux servizzi bi skeda. Irpar tat-twieqi. *Emendat: A.L. 92 ta' l-1995; A.L. 158 ta' l-2009.*

(2) Meta l-ħġieġ tat-twieqi hu magħmul li jinżel jew li jinfetaħ billi jiżżerżaq, jeħtieġ li jkun hemm irpar sabiex il-passiġġieri jitħarsu mill-ħsara minn vetturi li jkunu għaddejjin.

(3) Il-ħġieġ tat-twieqi li jkun qiegħed faċċata xi sedil u li jista' jitkisser jekk jaħbat magħhom xi passiġġier għandhom ikollhom irpar xieraq.

(4) L-ebda *motor route bus* ma għandha titħalla taħdem fuq xi linja, u s-sid ta' dik il-*motor route bus* ma għandux iġiegħel, iħalli jew jippermetti li dik il-*motor route bus* tkun fuq it-triq, fuq xi servizz jew xogħol li jkun kemm-il darba ma tkunx skond il-provvedimenti ta' dan ir-regolament.

(5) Kull *motor route bus* li ma tkunx skond il-provvedimenti ta' dan ir-regolament tkun tista' titneħħa minnufih mit-triq mill-uffiċjali ta' l-Awtorità jew mill-Pulizija, barra minn kull piena li l-liċenzjat jista' jeħel skond il-liġi.

**228.** Kull vettura bil-mutur għandha tkun magħmula u mibnija b'mod illi x-xufier tagħha waqt li qiegħed imexxi l-vettura jkun jista' jara ċar it-triq u t-traffiku ta' quddiem il-vettura bil-mutur. *Windscreen.*

Il-bċejjeċ li jistgħu jinfetħu jew jingħalqu, jekk ikun hemm, għandhom ikunu fornuti b'mezzi tajba biex jissudahom.

**229.** Il-vetturi kollha għandhom ikunu fornuti b'parafangi jew mezzi oħra bħal dawn biex jilqgħu kemm jista' jkun it-tajn u l-ilma li jtir mir-roti, jekk il-*body* tal-vettura ma jagħtix protezzjoni biżżejjed. Parafangi.

Eċċezzjoni għall-ħtiġiet fil-bini ta' vettura. *Emendat: A.L.. 158 ta' l-2009.*

**230.** L-Awtorità tista', f'każijiet speċjali, tagħti permess lis-sidien ta' *motor route buses* li ma jsegwux għal kollox il-ħtiġiet dwar kostruzzjoni preskritti f'dawn ir-regolamenti.

## TAQSIMA XIII

### *Taxicars*: Liċenzjar u Disposizzjonijiet Ġenerali

Liċenzi.

**231.** Ebda liċenza ma għandha tinħareġ mill-Awtorità għal *motor cars* biex jiġu wżati bħala *taxicars* kemm-il darba l-vettura ma taqbilx għal kollox mal-provvedimenti preskritti f'din it-taqsima u, ħlief safejn jistgħu jkunu kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, fit-Taqsima V dwar it-Tagħmir tal-Vetturi.

Reklamar ta' *taxicars*. *Emendat: A.L. 85 ta' l-1999.*

**232.** Salvi d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-wiri tal-kelma TAXI fuq *taxicars*, ħadd ma għandu jagħmel reklam f'xi post, sew jekk liċenzjat bħala *garage* għas-servizz pubbliku sew jekk le, jew b'riferenza għal xi *garage* ta' servizz pubbliku, sew permezz ta' sinjali ta' reklam jew b'*leaflets* jew b'xi ħaġa oħra miżbugħa, stampata jew miktuba, jew mxandra jew trasmessa, għall-kiri ta' *taxicars*.

Apparat ta' *wireless*.

**233.** Ebda *taxicar* ma għandha tkun fornuta b'apparat ta' *wireless* jew b'xi invenzjoni oħra mekkanika jew xort'oħra maħsuba li tipproduċi, tirriproduċi jew tamplifika mużika, diskors jew ħsejjes oħra jew b'apparat televiżiv mingħajr il-permess ta' l-Awtorità.

Horn.

**234.** Ebda ħorn li ma jkunx dak ta' tip approvat mill-Awtorità ma għandu jiġi wżat fuq xi *taxicar.*

L-ilbies u t-*tag* tax-xufiera tat-*taxi*. *Emendat: A.L. 149 ta' l-1995. Sostitwit: A.L. 44 ta' l-2006.*

**235.** (1) Ix-xufier ta' *taxicar* għandu jilbes, waqt li jkun fuq xogħol, uniformi li tkun tikkonisti fi qmis blu ċara, flokk tas-suf blu skur, qalziet blu skur u żarbun iswed fix-xitwa u qmis blu ċara, qalziet blu skur u żarbun jew sandli iswed fis-sajf.

(2) Ix-xufiera ta' *taxicars* għandhom jilbsu l-uniformi tagħhom kif imiss u għandhom iżommu l-uniformi nadifa u fi stat tajjeb.

(3) Ix-xufiera ta' *taxi* għandhom ukoll, waqt li jkunu fuq xogħol, jilbsu f'post li tidher sew fuq is-sider, it-*tag* ta' identità maħruġa mill-Awtorità.

(4) Ebda xufier ta' *taxi* ma jista' juża *tag* ta' identità ħlief dik lilu mogħtija mill-imsemmija Awtorità u dik it-*tag* ta' identità ma tistax tingħadda minn xufier għall-ieħor.

Għall-fini ta' dan ir-regolament, il-kliem "waqt li jkunu fuq xogħol" tfisser il-ħin li x-xufier ta' *taxicar* ikun qed jistenna fuq *taxi stand*, jew waqt li jkun qiegħed jesponi t-*taxicar* għall-kiri u waqt li x-xufier ikun qiegħed isuq it-*taxicar* kemm jekk ikun qiegħed iġorr il-passiġġieri u kemm jekk ma jkunx qiegħed iġorr passiġġieri fit-*taxicar.*

Eżamijiet.

**236.** It-*taxicars* kollha għandhom jiġu eżaminati kull sena u fiż-żminijiet l-oħra kif jiddisponi r-regolament 120.

Dmir ta' xufier fuq il-venda.

**237.** Ix-xufiera ta' l-ewwel tliet *taxicars* esposti għall-kiri fuq xi venda jew post ieħor ma għandhomx iħallu l-vettura tagħhom waqt

li tkun hekk esposta. Ix-xufiera ta' kull *taxicar* oħra esposta kif imsemmi qabel għandhom jibqgħu fejn jintlaħqu faċilment u għandhom minnufih jieħdu ħsieb il-vettura tagħhom malli jkun imiss lilhom li jieħdu posthom fost l-ewwel tliet *taxicars*:

Iżda sew il-Pulizija sew l-uffiċjali ta' l-Awtorità jistgħu, meta jkun jidher lil xi ħadd minnhom li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jistgħu jġibu tbatija minħabba l-qagħda fit-tul fix-xemx, jeżentaw lil dawk ix-xufiera minn dan ir-regolament.

Kirja minn fuq il-venda.

**238.** (1) Ħadd ma jista' jikri *taxicar* minn xi venda, anqas ma jista' x-xufier ta' *taxicar* fuq xi venda jaċċetta kirja, jekk, f'kull każ, dik il-vettura ma tkunx l-ewwel *taxicar* fil-venda:

Iżda jekk ix-xufier ta' l-ewwel *taxicar* ma jkunx fil-vettura, kemm-il darba ma jkunx hekk eżentat sew mill-Pulizija jew mill-uffiċjali ta' l-Awtorità, l-ewwel *taxicar* fuq il-venda bix-xufier fil-vettura għandha titqies li tkun l-ewwel *taxicar* disponibbli għall-kiri.

(2) Ebda xufier ta' *taxicar* li tkun qiegħda għall-kiri fuq xi venda ma għandu, mingħajr raġuni xierqa, jirrifjuta l-kiri tat-*taxi* tiegħu minn xi persuna li titlob dik il-kirja.

(3) Kull xufier li jirrifjuta kirja kif imsemmi fis-sub-regolament (2) ta' dan ir-regolament għandu, salv ir-responsabbiltà tiegħu għal proċedimenti kriminali, jitlef postu fuq il-venda u minfloku tidħol it-*taxicar* li jkun imissha.

Kirja minn persuna li tkun fit-triq. *Sostitwit: A.L. 407 ta' l-2003.*

**239.** (1) *Taxicar* li tkun stazzjonarja tista' tinkera biss minn venda tat-*taxi* kif provdut fid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

(2) *Taxicar* tista' tivvjaġġa minn post għal ieħor biex tkun tista' tinkera, iżda ma tistax toffri s-servizzi tagħha jew taċċetta kirja mingħand persuna jekk din tkun tinsab f'medda ta' ħamsin metru minn venda ta' *taxi*.

(3) Ix-xufier ta' *taxicar*, waqt li jkun qed jivvjaġġa għall-kiri, ma għandux isejjaħ jew xort'oħra jiffitta lil xi persuna biex tikri t-taxi u lanqas ma għandu jagħmel użu mis-servizzi ta' xi persuna oħra għal dan l-iskop.

(4) Ix-xufier ta' *taxicar* li jkun ftiehem jew li jkun inkera biex ikun preżenti bit-*taxicar* f'post u ħin miftiehem, għandu jkun preżenti bl-imsemmija *taxicar* f'dak il-ħin u post miftiehem.

(5) Meta x-xufier ta' *taxicar* ikun mitlub li jsuq lejn xi destinazzjoni partikolari hu għandu, bla ħsara għal kull direzzjoni mogħtija mill-kerrej, imur lejn dik id-destinazzjoni permezz tar-rotta l-aktar adatta.

(6) Ix-xufier ta' *taxicar* li tkun fuq kirja, filwaqt li tkun għaddejja dik il-kirja, għandu joqgħod jistenna bil-vettura f'dawk il-postijiet u matul dak il-ħin li l-kerrej jista' leġittimament jordna.

Produzzjoni tat-tariffa ta' nolijiet. *Emendat: A.L. 44 ta' l-2006.*

**240.** Ix-xufier ta' kull *taxicar* għandu jkollu kopja tat-tariffa uffiċjali tan-nolijiet u ta' din il-parti ta' dawn ir-Regolamenti li għandu jipproduċi kull meta jkun hekk mitlub mill-Pulizija jew minn xi uffiċjal ta' l-Awtorità jew minn gwardjan lokali jew minn

xi passiġġier.

Ħlas ta' nolijiet.

**241.** Ebda passiġġier ma għandu jirrifjuta li jħallas in-nol tiegħu lix-xufier ta' *taxicar* fi tmiem it-traġitt.

Indafa u sigurezza.

**242.** Ix-xufier ta' *taxicar* għandu jżomm il-vettura tiegħu kontinwament nadifa u fi stat tajjeb ta' tiswija waqt li tkun fl-użu. Ebda petrol jew likwidu jew materjal ieħor li jieħu n-nar ma għandu jinġarr f'xi *taxicar* ħlief fit-tank tal-vettura.

Disposizzjonijiet ġenerali.

**243.** Ix-xufier ta' *taxicar* għandu, minnufih wara li tispiċċa kirja, ifittex fit-*taxicar* u, jekk tinstab xi ħaġa li tista' tkun tħalliet fiha iħares id-disposizzjonijiet tal-liġi.

TAQSIMA XIV

**Ħtiġiet għall-Kostruzzjoni ta'** ***Taxicars***

Kostruzzjoni. *Emendat: A.L. 44 ta' l-2006.*

**244.** It-*taxicars* għandhom ikunu tat-tip *saloon* b'erba' bibien, miżbugħin abjad minn barra, u għandu jkollhom post għal bilqegħda b'kumdità għal mhux anqas minn erbgħa u mhux aktar minn ħames passiġġieri mhux ta' età żgħira u xufier. Għandu jkun provdut spazju biżżejjed għar-riġlejn u għar-ras u l-bibien għandhom ikunu wesgħin biżżejjed biex jippermettu li jidħlu b'mod faċli u konvenjenti l-passiġġieri.

Ittri u marki.

**245.** Ebda ittri, marki, figuri, stampi jew kull ħaġa li titwaħħal, tiżjin, disinji jew dekorazzjonijiet li ma jkunux dawk meħtieġa b'dawn ir-Regolamenti ma jkunu permessi f'xi parti ta' *taxicar* kemm-il darba ma jkunx ġie mogħti permess minn qabel mill-Awtorità.

Forza tal-makna.

**246.** Il-forza tal-makna ta' *taxicar* ma għandhiex tkun anqas minn 1400 $cm^3$:

Iżda vetturi ta' anqas minn 1400 $cm^3$ li kienu liċenzati bħala *taxi cars* għas-sena 1960 ikunu jistgħu jkomplu jaħdmu bħala hekk sakemm l-Awtorità ma tordnax xort'oħra.

Dawl intern u ħġieġ.

**247.** It-*taxicars* għandhom ikunu fornuti b'dawl intern xieraq u bi ħġieġ ta' sikurezza.

Numru ta' identità ta' *taxicars*. *Emendat: A.L. 148 ta' l-1995; A.L. 44 ta' l-2006.*

**248.** (1) It-*taxicars* jiġu mogħtija numri konsekuttivi mill-Awtorità. Pjanċa jew *sticker*, tal-kejl ta' 130 mm. bi 80 mm. u li jkollha bl-iswed il-kelma TAXI u n-numru ta' l-identità relattiv għandha titwaħħal fuq id-dahar tas-seat ta' quddiem f'dik il-pożizzjoni li tkun tista' tinqara malajr u sewwa mill-passiġġieri.

(2) In-numru mogħti mill-Awtorità għandu jinżebagħ fuq il-bibien tal-ġenb ta' quddiem tat-*taxicar* bl-ittra "M", 75 millimetri għoli u 60 millimetru wiesa, quddiem u bil-kulur iswed fil-każ ta' *taxicars* li huma liċenzjati biex jaħdmu f'Malta, u bl-ittra "G" quddiem u bil-kulur aħmar fil-każ ta' *taxicars* li huma liċenzjati li jaħdmu f'Għawdex, u f'kull każ skond dawk il-qisien li l-Awtorità tordna.

Sinjal bid-dawl. *Sostitwit: A.L. 44 ta' l-2006.*

**249.** (1) It-*taxicars* kollha għandu jkollhom imwaħħal sinjal TAXI mdawwal bl-elettriku fuq il-parti ta' quddiem tas-saqaf bejn iż-żewġ bibieb ta' quddiem.

(2) Is-sinjal għandu juri l-ittri "TAXI" miżbugħin bl-iswed fuq sfond abjad fil-każ ta' *taxicars* li jkollhom liċenza biex joperaw f'Malta u l-ittri "TAXI" miżbugħin ħomor fuq sfond abjad fil-każ ta' *taxicars* li jkollhom liċenza biex joperaw f'Għawdex, u l-kelma "TAXI" għandha tkun tidher kemm min-naħa ta' quddiem kemm min-naħa ta' wara tal-vettura.

(3) Id-dimensjonijiet tas-sinjal għandhom ikunu b'mod li l-wiċċ tas-sinjal li tista' tiddawwal għandu jkun bejn wieħed u ieħor 110 millimetri għoli, bejn wieħed u ieħor 150 millimetru wiesa' u bejn wieħed u ieħor 450 millimetru twil.

(4) Is-sinjal għandu jkun magħmul minn materjal f'saħħtu, jiflaħ għall-elementi u li jista' jitwaħħal b'mod sod fuq is-saqaf tal-vettura.

(5) Is-sinjal għandu jinżamm mixgħul f'kull waqt bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx, ħlief meta l-vettura tkun mikrija:

Iżda meta *taxicar* tkun fil-venda, tkun biss il-vettura li tkun qiegħda l-ewwel fil-venda li għandha żżomm dak is-sinjal mixgħul.

**250.** It-*taxicars* għandhom ikunu tat-tip *right-hand drive*: Sewqan.

Iżda l-vetturi li kienu liċenzati bħala *taxicars* għas-sena 1960 għandhom jitħallew li jkomplu jaħdmu sakemm l-Awtorità ma tiddeċidix xort'oħra.

**251.** It-*taxicars* għandu jkollhom kompartiment għall-bagalji ta' kobor xieraq. Bagalji.

Id-disposizzjoni ta' qabel ma għandhiex tgħodd għall-vetturi li kienu liċenzjati bħala *taxicars* għas-sena 1960, kemm-il-darba kumdità alternattiva għall-bagalji titqiegħed f'dawk il-vetturi għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità.

**252.** Formula stampata fi gwarniċ xieraq li turi t-tariffa ta' nolijiet u kull ħlas ieħor li huwa permess għandha tiġi murija f'post tajjeb fil-ħinijiet kollha fl-intern ta' kull *taxicar*. Din il-formula tkun tista' tinkiseb mill-uffiċċju ta' l-Awtorità. Formula tat-tariffi fi gwarniċ.

TAQSIMA XV

***Taximeters***

(*Ir-regolamenti 253 sa 269 (it-tnejn inklużi) ġew imħassra bl-Avviż Legali 162 ta' l-2003*).

TAQSIMA XVI

**Disposizzjonijiet Ġenerali**

**270.** Ħlief safejn ikunu inkonsistenti mad-disposizzjonijiet tat-Taqsimijiet XII sa XV ta' dawn ir-Regolamenti, id-disposizzjonijiet li hemm fit-Taqsimiet l-oħra ta' dawn ir-Regolamenti għandhom jgħoddu għat-*taxicars*. Applikabilità ta' regolamenti oħra.

*Emendata:*
*A.L. 109 ta' l-1995;*
*A.L. 234 ta' l-1997;*
*A.L. 158 ta' l-2009.*

## L-EWWEL SKEDA
[Regolament 211(2)]

**Rotot u Kuluri ta' *Motor Route Buses***

MALTA - Kulur aranġjo ċar bi strixxa aranġjo skur skond l-iskala approvata mill-Awtorità. Din l-istrixxa għandha tkun waħda biss u orizzontali u li tavarja fil-wisa' bejn 20cm. and 30cm.

| Nru. tal-Linja | Linja |
|---|---|
| 1 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Għajn Dwieli - San Ġwann t'Għuxa - Verdala - Vittoriosa u lura. |
| 2 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Għajn Dwieli - San Ġwann t'Għuxa - Cafe Riche Roundabout (Victoria Square) u lura. |
| 3 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Il-Fgura - Cospicua -Senglea u lura. |
| 4 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Għajn Dwieli - Cospicua - Vittoriosa (Terminus) - Triq il-Missjoni Taljana - Bighi - Il-Kalkara Terminus u lura. |
| 5 | Vakanti. |
| 6 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Għajn Dwieli - San Ġwann t'Għuxa - Vittoriosa u lura. |
| 7 | Vakanti. |
| 8 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Ħal-Għaxaq - Il-Gudja - Air Terminal u lura. |
| 9 | Vakanti. |
| 10 | Vakanti. |
| 11 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Bir-id-Deheb - St.George's Bay - B'Bugia u lura. |
| 12 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Bir-id-Deheb - St. George's Bay - Pretty Bay - B'Bugia - Kalafrana - B'Bugia u lura. |
| 13 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Bir-id-Deheb - St.George's Bay - Pretty Bay - B'Buġia - Kalafrana - Ħal Far - B'Bugia u lura. |
| 14 | Vakanti. |
| 15 | Valletta - Floriana - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Santa Lucia u lura. |
| 16 | Vakanti. |
| 17 | Vakanti. |
| 18 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Il-Fgura - Ħaż-Żabbar u lura. |

| | |
|---|---|
| 19 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Il-Fgura - Ħaż-Żabbar - M'Scala u lura. |
| 20 | Vakanti. |
| 21 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Il-Fgura - Ħaż-Żabbar - Ix-Xgħajra u lura. |
| 22 | M'Scala - Ħaż-Żabbar - Cospicua u lura. |
| 23 | Ix-Xgħajra - Ħaż-Żabbar - Cospicua u lura. |
| 24 | Vakanti. |
| 25 | Vakanti. |
| 26 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Iż-Żejtun u lura. |
| 27 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Iż-Żejtun - Bir-id-Deheb - M'Xlokk u lura. |
| 28 | Iż-Żejtun - Cospicua u lura. |
| 29 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Tarxien - Tal-Barrani - Iż-Żejtun - St.Thomas Bay u lura. |
| 30 | Vakanti. |
| 31 | Vakanti. |
| 32 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Ħal-Luqa - Iż-Żurrieq u lura. |
| 33 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Industrial Estate - Il-Karwija - Ħal-Safi - Iż-Żurrieq u lura. |
| 34 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Ħal-Luqa - Kirkop - Ħal-Safi -Iż-Żurrieq u lura. |
| 35 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - St. Vincent De Paule - Guard Room - L-Imqabba - Il-Qrendi u lura. |
| 36 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Ħal-Luqa u lura. |
| 37 | Valletta - Floriana - Il-Blata 1-Bajda - Il-Marsa - St. Vincent De Paule u lura. |
| 38 | Vakanti. |
| 39 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Ħal-Luqa - Air Terminal -Iż-Żurrieq u lura. |
| 40 | Valletta - Floriana - Il-Pietà -L-Imsida - B'Kara - Ħal-Balzan - Ħal-Lija - Ħ'Attard u lura. |
| 41 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - l-Imsida - Il-Kappara (Regional Road) - Il-Gżira (Gasan) - Tas-Sliema - (Mrabat) San Ġiljan - San Ġwann - Ta' Żwejt -B'Kara u lura. |
| 42 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Kappara - San Ġiljan (Regional Road) - Ta' Ġiorni - Il-Mensija - San Ġwann - B'Kara u lura. |
| 43 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar - Ix-Xemxija - Selmun Hill - Il-Mellieħa u lura. |

| | |
|---|---|
| 44 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar - Ix-Xemxija - Selmun Hill - Il-Mellieħa - L-Għadira u lura. |
| 45 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar - Ix-Xemxija - Selmun Hill - Il-Mellieħa - L-Għadira -Iċ-Ċirkewwa u lura. |
| 46 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - L-Imġarr u lura. |
| 47 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - L-Imġarr -Għajn Tuffieħa u lura. |
| 48 | Buġibba - San Pawl il-Baħar - Ix-Xemxija - Il-Mellieħa - L-Għadira - Iċ-Ċirkewwa u lura. |
| 49 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar - Buġibba u lura. |
| 50 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar - Ix-Xemxija - Selmun Hill - Il-Mellieħa - L-Għadira - L-Armier u lura. |
| 51 | Buġibba - San Pawl il-Baħar - Ix-Xemxija - Għajn Tuffieħa u lura. |
| 52 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Għajn Tuffieħa u lura. |
| 53 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta u lura. |
| 54 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - In-Naxxar u lura. |
| 55 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - In-Naxxar - Għargħur u lura. |
| 56 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - In-Naxxar u lura. |
| 57 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara - Ħal-Lija - Il-Mosta - Santa Margherita Estate u lura. |
| 58 | Vakanti. |
| 59 | Vakanti. |
| 60 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Gżira - Tas-Sliema - Is-Savoy u lura. |
| 61 | Valletta - Floriana - L-Imsida - Il-Gżira - Tas-Sliema Ix-Xatt u lura. |
| 62 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Gżira - Tas-Sliema Ix-Xatt - Tas-Sliema - San Ġiljan - Spinola u lura. |
| 63 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Gżira - Is-Savoy - Dingli Street - Tas-Sliema Ix-Xatt - Ix-Xatt - Il-Gżira - Ta' Xbiex Sea Front - L-Imsida - Il-Pietà - Floriana - Valletta. |
| 64 | Vakanti. |
| 65 | Tas-Sliema Ix-Xatt - Tas-Sliema (Savoy) - San Ġwann - Taż-Żwejt u lura (kif ukoll għan-Naxxar - Il-Mosta - Ta' Qali - Ir-Rabat, fis-sajf biss). |

| | |
|---|---|
| 66 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Gżira - Is-Savoy - Mrabat Road - Ta' Ġiorni u lura. |
| 67 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Gżira - Sliema Ferry - Sliema Sea Front - San Ġiljan - Spinola - Paceville - Is-Swieqi - St.Andrew's u lura. |
| 68 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Il-Gżira - Tas-Sliema Ferry - Sliema Sea Front - San Ġiljan- Spinola - Paceville - Is-Swieqi - St.Andrew's - Baħar iċ-Ċagħaq u lura. |
| 69 | Vakanti. |
| 70 | Sliema Ferry - San Ġiljan- St. Andrews - Salina - Buġibba - Il-Qawra u lura. |
| 71 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - Santa Venera - Fleur-de-Lys - B'Kara u lura. |
| 72 | Vakanti. |
| 73 | Vakanti. |
| 74 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - B'Kara - Ħal-Balzan (Corinthia Palace) u lura. |
| 75 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - Fra Diegu - G'Mangia - St. Luke's Hospital u lura. (Kif ukoll minn Termini oħrajn filwaqt ta' ħinijiet tad-dħul speċjali). |
| 76 | Vakanti. |
| 77 | Vakanti. |
| 78 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun (Kunċizzjoni) - Santa Venera (Psaila Street) - B'Kara u lura. |
| 79 | Vakanti |
| 80 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - Fleur-de-Lys - L-Imrieħel - Ħ'Attard - Ir-Rabat u lura. |
| 81 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Hamrun - Fleur-de-Lys - L-Imrieħel - Ħ'Attard - Ir-Rabat - Ħad-Dingli u lura. |
| 82 | Vakanti. |
| 83 | Ir-Rabat - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar u lura. |
| 84 | Ir-Rabat - L-Imtarfa u lura. |
| 85 | Vakanti. |
| 86 | Buġibba - Il-Mosta - Ta' Qali - Ir-Rabat u lura (fis-sajf biss). |
| 87 | Vakanti. |
| 88 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - Ħaż-Żebbuġ u lura. |
| 89 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - Is-Siġġiewi u lura. |
| 90 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Ħamrun - Ħal-Qormi (St.Sebastian) u lura. |
| 91 | Valletta - Floriana - Il-Blata 1-Bajda - Il-Ħamrun - Ħal-Qormi (St.George) u lura. |
| 92 | Ħaż-Żebbuġ - St. Vincent de Paule u lura. |

| | |
|---|---|
| 93 | Vakanti. |
| 94 | Is-Siġġiewi - Għar Lapsi u lura. |
| 95 | Vakanti. |
| 96 | Vakanti. |
| 97 | Vakanti. |
| 98 | Supermarket - Great Siege Road - Auberge de Baviere - M'Xetto Road - St. Sebastian Bastion - Fort St. Elmo - Mediterranean Conference Centre - Barracca Wharf - Crucifix Hill - War Memorial - Monument ta' Kristu Re - Hotel Phoenicia - Supermarket. |
| 99 | Vakanti. |
| 100 | Vakanti. |
| 115 | Valletta - Floriana - Il-Blata l-Bajda - Il-Marsa - Paola - Ħal-Ħal-Tarxien - Santa Lucia - Tal-Barrani - Bir-id-Deheb - St.George's Bay - Pretty Bay - B'Buġia u lura. |
| 452 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - B'Kara By Pass - Ħal-Lija - Il-Mosta - Burmarrad - San Pawl il-Baħar - Il-Mellieħa - L-Għadira - Iċ-Ċirkewwa u lura. |
| 672 | Valletta - Floriana - Il-Pietà - L-Imsida - Regional Road - Is-Swieqi - St.Andrew's u lura. |

GĦAWDEX - Kulur griż ċar bi strixxa ħamra

| Nru. tal-Linja | Linja |
|---|---|
| | L-GĦARB/SAN LAWRENZ |
| 1 | Ir-Rabat sa l-Għarb u lura |
| 2 | Ir-Rabat sa San Lawrenz u lura |
| 3 | Ir-Rabat sa San Lawrenz mill-Għarb u lura |
| 4 | Ir-Rabat sa San Lawrenz minn Ta' Pinu - Għarb u lura |
| 5 | Ir-Rabat sad-Dwejra mill-Għarb - San Lawrenz u lura |
| 6 | L-Għarb sad-Dwejra minn San Lawrenz u lura |
| 7 | L-Għarb sa Ta' Pinu u lura |
| 8 | L-Għarb sa Marsalforn mir-Rabat u lura |
| 9 | San Lawrenz sa l-Imġarr mill-Għarb - Rabat u lura |
| 10 | San Lawrenz sa Ta' Pinu u lura |
| 11 | San Lawrenz sax-Xagħra mill-Għarb - Rabat u lura |
| 12 | (Riżervata) |
| 13 | (Riżervata) |
| | KERĊEM |
| 14 | Ir-Rabat sal-Kerċem - Santa Lucia u lura |
| 15 | Il-Kerċem - Santa Lucia sa l-Imġarr u lura |
| 16 | Il-Kerċem sax-Xlendi mir-Rabat u lura |
| 17 | Il-Kerċem - Santa Lucia sa Ta' Pinu u lura |

18 Il-Kerċem - Santa Lucia sax-Xagħra mir-Rabat u lura

19 (Riżervata)

20 (Riżervata)

MARSALFORN

21 Ir-Rabat sa Marsalforn u lura

22 Ir-Rabat sal-Qbajjar u lura

23 (Riżervata)

24 (Riżervata)

L-IMĠARR

25 Ir-Rabat sa l-Imġarr u lura

26 Ir-Rabat sa l-Imġarr mix-Xewkija u lura

27 (Riżervata)

28 (Riżervata)

NADUR

29 Ir-Rabat san-Nadur u lura

30 Ir-Rabat sa San Blas (Nadur) u lura

31 Ir-Rabat sar-Ramla min-Nadur u lura

32 In-Nadur sa l-Imġarr mill-Qala u lura

33 In-Nadur sar-Ramla u lura

34 In-Nadur sa Ta’ Pinu u lura

35 In-Nadur sal-Qala u lura

36 In-Nadur sax-Xewkija u lura

37 (Riżervata)

38 (Riżervata)

39 (Riżervata)

QALA/GĦAJNSIELEM

40 Ir-Rabat sal-Qala u lura

41 Ir-Rabat sal-Qala minn Għajnsielem u lura

42 Ir-Rabat sal-Qala mix-Xewkija - Għajnsielem u lura

43 Ir-Rabat sal-Qala min-Nadur u lura

44 Ir-Rabat sa Għajnsielem u lura

45 Il-Qala sa Għajnsielem u lura

46 Il-Qala sax-Xewkija u lura

47 Għajnsielem sax-Xewkija u lura

48 (Riżervata)

49 (Riżervata)

SANNAT/MUNXAR

| | |
|---|---|
| 50 | Ir-Rabat sa Sannat u lura |
| 51 | Ir-Rabat sal-Munxar mis-Sannat u lura |
| 52 | Ir-Rabat sal-Munxar u lura |
| 53 | Sannat sa Ta’ Pinu u lura |
| 54 | Sannat - il-Munxar sax-Xlendi u lura |
| 55 | Il-Munxar sa Ta’ Pinu u lura |
| 56 | Il-Munxar - Sannat sa l-Imġarr u lura |
| 57 | Il-Munxar - Sannat sal-Qala u lura |
| 58 | Il-Munxar - Sannat sax-Xewkija u lura |
| 59 | (Riżervata) |
| 60 | (Riżervata) |
| | TA’ PINU |
| 61 | Ir-Rabat sa Ta’ Pinu u lura |
| 62 | (Riżervata) |
| 63 | (Riżervata) |
| | XAGĦRA |
| 64 | Ir-Rabat sax-Xagħra u lura |
| 65 | Ir-Rabat sax-Xagħra mir-*roundabout* tax-Xewkija u lura |
| 66 | Ir-Rabat sal-Post tan-Nazzarenu (ix-Xagħra) u lura |
| 67 | Ix-Xagħra sa l-Imġarr mix-Xewkija u lura |
| 68 | Ix-Xagħra sa Marsalforn u lura |
| 69 | Ix-Xagħra sa Ta’ Pinu u lura |
| 70 | Ix-Xagħra sal-Qala u lura |
| 71 | (Riżervata) |
| 72 | (Riżervata) |
| | XEWKIJA |
| 73 | Ir-Rabat sax-Xewkija u lura |
| 74 | Ir-Rabat sa l-Industrial Estate u lura |
| 75 | L-Għarb - San Lawrenz sa l-Industrial Estate u lura |
| 76 | Il-Kerċem sa l-Industrial Estate u lura |
| 77 | Is-Sannat - il-Munxar sa l-Industrial Estate u lura |
| 78 | Iż-Żebbuġ - l-Għasri sa l-Industrial Estate u lura |
| 79 | Il-Qala sa l-Industrial Estate u lura |
| 80 | In-Nadur sa l-Industrial Estate u lura |
| 81 | Ix-Xagħra sa l-Industrial Estate u lura |
| 82 | Għajnsielem sa l-Industrial Estate u lura |
| 83 | Ix-Xewkija sal-Qala u lura |

| | |
|---|---|
| 84 | (Riżervata) |
| 85 | (Riżervata) |
| 86 | (Riżervata) |
| | XLENDI |
| 87 | Ir-Rabat sax-Xlendi u lura |
| 88 | (Riżervata) |
| 89 | (Riżervata) |
| 90 | (Riżervata) |
| | ŻEBBUĠ/GĦASRI |
| 91 | Ir-Rabat saż-Żebbuġ mill-Għasri u lura |
| 92 | Iż-Żebbuġ - Għasri sal-Qbajjar (Marsalforn) u lura |
| 93 | Iż-Żebbuġ - Għasri sax-Xagħra u lura |
| 94 | Iż-Żebbuġ - Għasri sa l-Imġarr u lura |

---

## IT-TIENI SKEDA

*Miżjuda: A.L. 234 ta' l-1997.*

(Regolament 211)

*Kolliżjonijiet bejn vetturi bil-mutur meta l-ħabta tiġri bejn il-parti ta' quddiem ta' vettura u dik il-parti li tkun tinsab bejn ir-roti ta' wara ta' vettura oħra.

---